# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Dicembru 2019**

**Numru 13**

**Rikors numru 378/09 JZM**

**Nike Ventures Limited (C 17470) u Edmond Espedito, skont digriet tal-11 ta' Gunju 2009, personalment u in rappreżentanza ta' Nike Ventures Limited u Maria Theresa konjugi Mugliette**

**v.**

**1. John Patrick u Mary mizzewgin Hayman;**
**2. Christopher Hayman;**
**3. Raymond Pickard f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta' bintu Elaine u b'digriet tat-2 ta' Frar 2012 il-konvenuta Elaine Pickard assumiet l-atti f'isimha proprio peress li saret maggorenni**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-atturi fis-16 ta` April, 2009, li fih inghad:

> *"1. Illi fuq inizjattiva tal-attur Edmond Mugliette kienu nftethu zewg kontijiet bankarji intestati "Mr. Edmond Espedito Mugliette & Dr. John Hayman" mal-Bank of Valletta plc bin-numri 115-085840201-7 kurrenti, f`Jannar 1995 ;*

*“2. Illi dawn iz-zewg kontijiet ma kinux jintuzaw wisq mill-attur, izda fl-14 ta` Marzu 2001, l-attur bhala direttur tas-socjeta` attrici Nike Ventures Ltd. kien ircieva pagament ta` prezz ta` fond li nbiegh mill-istess socjeta` attrici lit-terzi, u dan il-pagament gie depositat minnu fil-kont fuq imsemmi numru 115-0858402-0 ;*

*“3. Illi l-unici azzjonisti tas-socjeta` attrici Nike Ventures Ltd. kienu biss l-atturi l-konjugi Mugliette ;*

*“4. Illi fit-23 ta` April 2001, miet in-Nutar John Patrick Hayman u l-konvenuti huma l-werrieta ab intestato tieghu:*

*“”5. Illi fl-24 ta` April 2001, l-attur personalment zbanka l-flus li kien hemm fl-imsemmi kont bankarju 115-0858402-0, hlief ghal bilanc ta` tmintax-il lira Maltin ;*
*“6. Illi sentejn wara dan l-izbank, il-konvenuti pprocedew gudizzjarjament sabiex l-atturi jigu ordnati jhallsu l-flus li gew zbankati mill-attur lura lill-imsemmi kont bankarju 115-0858402-0, flimkien ma’ l-imghax fuqha, liema proceduri gew mitmuma fis-27 ta` Gunju 2008 b`sentenza tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat is-sentenza tal-Prim`Awla Qorti Civili datata 2 ta` Gunju 2006 (Citaz. 1059/2005) li laqghet id-domanda tal-konvenuti, minghajr ma gie dikjarat lil min jappartjenu dawn il-flus ;*

*“7. Illi l-imsemmija kontijiet bankarji f`kull mument kienu patrimonju tal-atturi, u l-flus li dahlu u gew irtirati kienu tal-atturi personalment jew tas-socjeta` attrici esklusivament ;*

*“8. Illi n-Nutar John Hayman qatt ma kellu ebda interess personali u proprju fl-istess kontijiet, u infatti, wara li ghen biex jinfethu l-kontijiet, ma kien involut b`ebda mod mal-istess kontijiet, ma ghamel ebda depositu, zbank jew att iehor. Illi huwa kien biss professjonist u vicin tal-attur Mugliette li kien fis-sena accetta illi jinfethu dawn il-kontijiet f`isem it-tnejn ghar-ragunijiet ta` konvenjenza kif se jigi ppruvat waqt il-kawza ;*

*“Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni u provediment xieraq u opportun, jghidu l-konvenuti ghaliex m`ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti :*

*“1. Tiddikjara illi l-istess zewg kontijiet bankarji u l-flus relattivi ghall-istess, kienu u ghadhom jappartjenu lill-atturi flimkien esklussivament, jew "in subsidum", tiddikjara lil min jappartjenu dawn il-flus per via ta` likwidazzjoni ;*

*“2. Tawtorizza lill-atturi illi jizbankaw mill-imsemmija kontijiet bankarji, il-flus skont id-dikjarazzjoni jew esitu tal-ewwel talba, u dan minghajr il-bzonn ta` ebda kunsens jew intervent ulterjuri tal-konvenuti ;*

*"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti kollha tal-25 ta' Mejju, 2009, li permezz taghha eccepew is-segwenti:

*"1) Illi fl-ewwel lok ghandu jigi ccarat min hu l-attur f`din il-kawza, stante li fl-okkju tar-rikors hemm indikati Nike Ventures Limited, Edmond Espedito u Maria Therese Mugliette, filwaqt li sussegwentement hemm indikat li r-rikors guramentat hu ta` Edmond Espedito Mugliette ;*

*"2) Preliminarjament qed tigi eccepita l-inkompetenza ratione valoris ta` din l-Onorabbli Qorti. Jigi spjegat li l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li z-"zewg kontijiet bankarji u l-flus relattivi ghall-istess, kienu u ghadhom jappartjenu lill-atturi." Jirrizulta kif jistqarru l-istess atturi, li ghal dawn l-ahhar tmien snin f`dawn il-kontijiet bankarji kien hemm depozitata biss is-somma ta` tmintax-il lira Maltin (Lm18). Ghalhekk l-eccezzjoni li temergi minn dan il-fatt hi ovvja ;*

*"3) Preliminarjament ukoll is-socjeta` attrici Nike Ventures Limited m`ghandha l-ebda interess guridiku li tippromwovi l-istanza odjerna ;*

*"4) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet kif formulati fir-rikors promotur huma nsostenibbli u legalment improponibbli – jekk wiehed ihares lejn it-tieni talba, l-atturi qed jitolbu li jigu awtorizzati "jizbankaw mill-imsemmija kontijiet bankarji, il-flus skont id-dikjarazzjoni jew esitu tal-ewwel talba". Jirrizulta illi Edmond Espedito Mugliett zbanka dawn il-flus (salv ghal LM18) aktar minn tmien snin qabel ipproponu r-rikors odjern, u sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentat qatt ma rrifonda dawn il-flus fl-imsemmi kont bankarju, minkejja li hekk ordnat b`sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili li giet konfermata wkoll fl-Appell. Ghaldaqstant certament li hadd ma jista` jipproponi azzjoni ghall-izbank ta` flus minn kont bankarju (salv ghall-LM18) meta dan il-fatt ilu snin twal kompjut ;*

*"5) Illi subordinatament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, qabel ma l-atturi jkunu f`pozizzjoni li jistghu jipproponu l-azzjoni odejrna, jew ikomplu l-istess, huma jridu necessarjament jirreintegraw il-kontijiet bankarji mertu tal-kawza bil-flus kollha li gew abusivament mehuda minnhom minn dawn il-kontijiet, kif diga` gew ordnati li jaghmlu minn din il-Qorti diversament presjeduta u anke mill-Qorti tal-Appell. Is-sitwazzjoni odjerna hi analoga ghall-kaz ta` spoll – hadd ma jista` jipproponi l-kawza petitorja jekk ma jirreintegrax fl-pussess lill-persuna spoljata ;*

*"6) Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq premess, l-allegazzjoni tal-atturi li l-flus li kien hemm depozitati fil-kontijiet bankarji*

*fuq riferiti huma taghhom esklussivament hi kontestata, u dana billi ser jirrizulta fil-mori tal-kawza illi l-mibki Nutar John Patrick Hayman ma kienx "ghen biss biex jinfethu dawn il-kontijiet bankarji u qatt ma ddepozita f`dawn il-kontijiet", kif qed jigi allegat mill-atturi, izda ghall-kuntrarju l-fondi li kien hemm f`dawn il-kontijiet qabel gew abusivament zbankati mir-rikorrent Edmond Mugliette kienu jappartjenu lill-istess Nutar John Patrick Yamna esklussivament, u mhux lill-atturi.*

*"Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Ottubru, 2009, li permezz taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti; iddikjarat li hija kompetenti biex tisma' u tiddeciedi l-kawza inkwistjoni u ghalhekk ordnat il-prosegwiment tal-kawza bil-gbir tal-provi fil-mertu.

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Settembru, 2014, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens li:

"*Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni.*

"*Tilqa` t-tielet eccezzjoni.*

"*Tilqa` in parte r-raba`, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet.*

"*Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara illi l-flus li kien hemm fil-kontijiet bankariji ntestati "Mr Edmond Espedito Mugliette & Dr. John Hayman" mal-Bank of Valletta plc bin-numru 115-0858402-0 savings u bin-numru 115-085840201-7 current ta` April 2001 – data tal-mewt tan-Nutar Dr. John Hayman – kif ukoll wara dik id-data - jappartjenu inkwantu ghal nofs lill-atturi Edmond Espedito u Maria Therese konjugi Mugliette, u inkwantu ghan-nofs l-iehor lill-konvenuti, bhala eredi ntestati tan-Nutar Dr. John Hayman.*

"*Riferibbilment ghat-tieni talba, tordna illi wara li l-atturi Edmond Espedito u Maria Therese konjugi Mugliette jottemperaw ruhhom mas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Gunju 2008 fil-kawza fl-ismijiet "John Patrick u Mary Carmen mizzewgin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f`ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta` bintu minuri Elaine v. Edmond Espedito Mugliette u martu Maria Theresa ghal kull interess li jista` jkollha" (Nru*

*1059/2003/1), il-flus depozitati fiz-zewg kontijiet fuq riferiti jigu zbankati inkwantu ghal nofs mill-atturi Edmond Espedito u Maria Therese konjugi Mugliette u inkwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenuti, b`dan illi sabiex jigi effettwat l-izbank minn parti jew minn ohra kif qeghda tordna l-Qorti ma jkunx mehtieg il-kunsens jew l-intervent tal-parti l-ohra.*

"*Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha*".

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"II. Gabra tal-provi

"L-attur Edmond Esposito Mugliett xehed illi huwa ltaqa` man-Nutar John Hayman meta Dr Hayman kien ghadu student l-Universita` waqt li hu kien jahdem ma' Karistu Zammit. Dr Hayman ghamel il-*work phase* tieghu fl-azjenda fejn kien jahdem hu. U saru hbieb. Wara li Dr Hayman iggradwa u beda jahdem ta` nutar, ghall-ewwel huwa kellu ufficcju Hal-Qormi. Billi ried ikabbar, huwa offrielu ufficcju li l-attur kellu l-Hamrun. Dr Hayman accetta u beda jahdem minn hemm.

"Xehed illi meta hu kien jinnegozja fil-proprjeta`, kien jaghmel uzu minn kumpanija bl-isem Hanka ; kien hemm ukoll kumpanija ohra jisimha Bytrust. Meta wasal biex jixtri proprjeta` fil-Hamrun, tkellem ma' Dr Hayman, u ddecieda li jifforma kumpanija gdida, bis-shareholding kollu tieghu, bl-isem Nike Ventures. L-azzjonisti kienu hu bi 499 –il sehem u l-mara tieghu b`sehem wiehed ; illum dahlu t-tfal tieghu. Dak iz-zmien kien qed igemma' biex jixtri proprjeta` fil-Hamrun ; ghalhekk fetah kont kurrent f`ismu ; in segwitu l-kont gie f`isem, f`isem Dr Hayman u Nike Ventures. In segwitu, minhabba l-imghaxijiet, fetah kont iehor - savings account - f`ismu u f`isem Nike Ventures. L-iskop kien illi billi hu isiefer hafna, Dr Hayman seta` jiehu hsieb l-flus, u jiehu l-flus mis-savings account u jiddepositahom fil-kont ta` Nike Ventures. B`hekk seta` jsir hlas anke jekk hu jkun imsiefer. F`dawn it-transazzjonijiet, ir-rwol ta` Dr Hayman kien ta` Nutar. Mistoqsi mill-Qorti min kien responsabbli ghal kont relatat ma' Nike Ventures u min kien idahhal il-flus, ix-xhud wiegeb li l-erba` kontijiet li kienu kollha tieghu. Dr Hayman ma kellu x`jaqsam xejn ma' Nike Ventures, ghalkemm kellu x`jaqsam mal-kontijiet tieghu personali. Fic-caqliq ta` flus li kien ssir, qatt ma kien hemm involuti flus personali ta` Dr Hayman.

"Dwar l-istatements esebiti, fisser li kien hu li ghamel d-depoziti u l-izbanki. Ghalkemm jista` jkun li kien hemm xi darba jew tnejn li Dr Hayman ha xi flus minn dak il-kont. Jiftakar li darba kien imsiefer u Dr Hayman kien hallas permezz ta` cheque mill-kont tal-attur, ghal xi

xoghol li kien qed isir fl-ufficcju tal-Hamrun. In-nutar tal-kuntratt meta Nike Ventures bieghet lil Lechinson kien Dr Hayman. Il-konvenju kien lestieh Dr Hayman. Billi dak kien fi zmien meta Dr Hayman diga` ma kienx qed ihossu tajjeb, ix-xoghol tieghu kien waqa` lura u kienet saret estensjoni tal-konvenju. Sakemm Dr Hayman kien indispost, in-Nutar Mary Grech Pace kienet tiehu hsieb ix-xoghol tieghu. Fil-fatt il-kuntratt kien ippubblika minn Dr Grech Pace u sar il-Bank of Valletta, il-Belt. Ic-cheques saru f`isem Nike Ventures; meta mar biex jiddepozita l-ammont fil-kont tal-kumpanija, il-kaxxier qallu li l-kont kien maghluq ; ghalhekk id-depozitu sar fis-savings account li hu kellu ma' Dr Hayman.

"Spjega illi sa meta miet Dr Hayman, huwa kien jiehu hsieb ta` Dr Hayman flimkien man-Nutar Dr Claire Falzon, li dak iz-zmien kienet l-partner ta` Dr Hayman. Kien imur ghandu kuljum u jghinu f`kull ma kien ikollu bzonn. Ix-xoghol baqghet tiehu hsieb Dr Grech Pace. Is-sahha ta` Dr Hayman baqghet sejra lura. Mistoqsi ghaliex ma kienx mar l-bank u zbanka l-flus li kien hemm fil-joint account ma' Dr Hayman, l-attur wiegeb li ma kellux ghalfejn jaghmel hekk ghaliex kien jaf li l-flus kien tieghu. Kien il-jum ta` wara li miet Dr Hayman li mar il-bank, zbanka l-flus u ddepozihom fil-kont ta` Nike Ventures. Id-depozitu kien ta` Lm 45,000, li kien r-rikavat tal-bejgh li sar bil-kuntratt fuq riferit.

"Fil-<u>kontroezami</u>, l-attur xehed illi l-iskop ewlieni ghall-formazzjoni ta` Nike Ventures kienet sabiex jixtri l-fond tal-Hamrun. Mistoqsi jekk Dr Hayman kellux sehem wiehed fil-kumpanija, stqarr illi Dr Hayman kellu sehem wiehed u wara li miet dak is-sehem kien trasferit lill-mara tax-xhud. Qal li s-share transfer form kienet iffirmata mill-bidu nett li kienet iffurmata l-kumpanija. Huwa kien id-direttur tal-kumpanija. Mistoqsi jekk l-formula tas-share transfer fil-verita` kellha d-data ta` gurnata qabel l-mewt ta` Dr Hayman, l-attur wiegeb li hekk hu. Mistoqsi mill-Qorti meta effettivament kienet d-data li ffirma Dr Hayman, ix-xhud wiegeb illi Dr Hayman iffirma l-formola meta kienet iffurmata l-kumpanija; kien hu stess li kiteb d-data l-gurnata ta` qabel l-mewt ta` Dr Hayman; u l-formola giet registrata wara l-mewt tieghu.

"Mistoqsi dwar l-ufficcju tal-Hamrun, Mugliette xehed illi Nike Ventures akkwistat minghand Regina Auto Dealer u Roxy. L-ufficcju inxtara mill-flus personali tal-attur. Mistoqsi mill-Qorti kienx jaf jekk Dr Hayman kienx ghamel testment jew le, wiegeb illi kien jaf fic-cert li ma kienx ghamel testment u ghalhekk kienu sejrin jirtuh il-familja tieghu. B`insistenza tal-Qorti, kompla jixhed illi ghalhekk r-raguni ghaliex kien ghamel dak s-share transfer kienet ghaliex ma riedx li jidhol xi hadd iehor fiz-zarbun ta` Dr Hayman. Meta xtara l-fond, issemma Hayman Flats. Mistoqsi x`kellu xi jghid dwar cheque ta` Lm 4,000 mahrug mill-kont personali ta` Dr Hayman - Dok RA3 - xahar wara li kienet akkwistata din l-proprjeta, l-attur xehed illi dik kienet l-ewwel darba li kien qed jara dak ic-cheque u cioe` waqt il-kawza. Dr Hayman qatt ma ghamel pagamenti relatati ma' dak il-fond.

“Ikkonferma li l-applikazzjoni sabiex jigu nstallati d-dawl u l-ilma fil-fond tal-Hamrun saret f`isem Dr Hayman. Muri Dok. RA 4, ighid ghall-ewwel li ma jafx x`hinu d-dokument. Mistoqsi jafx li anke l-ghamara tal-ufficcju kienu gew ordnati u thallsu minn Dr Hayman minn flusu, l-attur xehed illi ma jafx. Muri Dok. RA 5, l-attur xehed illi dawk l-ghamara ghadhom kollha fl-ufficcju izda ma jidhirlux li Dr Hayman qatt hallas ghal xi ghamara. Muri Dok RA 7, xehed illi kien qed jara dak id-dokument ghal ewwel darba ; huwa qatt ma xtara minghand Alex Mercieca izda kien jixtri minghand certu Grech. Fl-ufficcju kien hemm erba` kmamar tal-banju; il-flus kien harighom jew hu personalment jew Nike Ventures.

“Mistoqsi dwar gnien li kien akkwista, Mugliette kkonferma li dak kien akkwistat minn Nike Ventures. Mistoqsi mill-Qorti minn fejn hargu l-flus ghal dik il-proprjeta, ix-xhud wiegeb li l-parti tal-prezz li tidher kienet tohrog minn Nike Ventures; il-parti tal-prezz li ma tidhrirx kien johrogha hu mill-flus personali tieghu. Muri Dok. RA 8, li huma tlett cheques lil John Cutajar, u lil Regina Auto Dealer Limited, qal li dawk kienu cheques li kien qed jara ghall-ewwel darba; pero` ic-cheques ma kienux relatati mal-kuntratt. Ikkonferma li l-gnien kien juntuza minn missier Dr Hayman.

“Mistoqsi minn xtara l-proprjeta` ta` G`Mangia, ix-xhud xtqarr illi in-nofs kien akkwistat minn Nike Ventures waqt li n-nofs l-iehor minn Vella Estates; Dr Hayman kien in-nutar li ppubblika l-kuntratt. Il-flus ghal dik il-proprjeta` bhal fil-kaz tal-ohrajn, kienu in parti gejjin minn Nike Ventures u in parti mill-flus personali tieghu. Muri Dok. RA 9, li huma c-cheques relativi ghal dak il-kuntratt, Mugliette kkonferma illi wiehed biss minnhom, li huwa dak ghal Lm 36,000, kienu flus li huwa ghadda lil Dr Hayman. Mistoqsi dwar Dok RA 10, ghal ewwel jerga` jikkonferma li l-istatements tal-joint account kienu jmorru fl-indirizz tar-residenza tieghu, izda mbaghad meta kien suggerit lix-xhud illi l-statements kienu jmorru wkoll fir-residenza ta` Dr Hayman, l-attur xehed illi dak gara darba wahda biss wara l-mewt ta` Dr Hayman. Muri Dok RA 11, Mugliette xehed li Nike Ventures kellha zewg kontijiet. Meta kien suggerit lilu li kuntrarjament ghal dak li kien xehed fis-sens li qatt ma kien hemm involuti flus personali ta` Dr Hayman, irrizulta fil-fatt li sar caqlieq ta` flus mill-kont personali ta` Dr Hayman ghall-joint account, ix-xhud wiegeb illi jista` jkun li kien hekk. Ighid li jista` jkun li f`okkazjoni partikolari kien hemm caqlieq ta` Lm 17,000 mill-kont personali ta` Dr Hayman ghall-joint account. Muri Dok RA 12, xehed illi l-kaligrafija fuq dak ic-cheque hija tieghu ghalkemm kien iffirmat minn Dr Hayman; dak kien cheque li ddepozita fil-kont tieghu ; u li probabilment ma kellux x`jaqsam ma’ proprjeta` ta` Nike Ventures izda ma’ xi proprjeta` ohra ta` Hanka jew ta` Bytrust.

“Dwar il-proprjeta` li Nike Ventures bieghet lil cittadin minn Sweden, l-attur xehed illi dik il-propjeta` kienet is-Siggiewi. Mistoqsi jiftakarx li l-flus sabiex inxtara l-fond kienux ittiehdu mill-joint account, ixx-xhud wiegeb li jista` jkun. Mistoqsi jekk id-depozitu u s-senserija kienux hargu mill-kont personali ta` Dr Hayman, wiegeb li probabilment radd

lura l-flus lin-nutar. Jinsisti li fil-joint account ma kienx hemm flus personali ta` Dr Hayman. Mistoqsi jekk jiftakarx li propju fil-jum illi miet Dr Hayman, kien mar u biddel s-serratura tal-ufficcju l-Hamrun, Mugliette stqarr illi huwa ma ghamilx hekk dakinhar, izda l-gurnata ta` wara, u dan ghamlu ghaliex kien hemm l-atti kollha tan-nutar fl-ufficcju, u kien hemm hafna cwievet ghand hafna nies, fosthom Dr Mary Grech Pace, Charlie Attard li kien jahdem ir-Registru tal-Artijiet, u Josette Sultana. Familjari ta` Dr Hayman ma kellhomx cavetta. Wara huwa mar il-bank u ttrasferixxa l-flus mill-joint account ghall-kont ta` Nike Ventures. Ikkonferma li fil-fatt li l-ewwel iddepozitahom fil-kont personali tieghu, imbaghad minn hemm marru fil-kont ta` Nike Ventures. Kien issuggerit lilu li mhux kien il-kaz ghax fil-fatt huwa kien investa il-flus; Mugliette wiegeb li jista` jkun li kien hekk. Kien issuggerit li l-flus kienu investiti f`Dollari Amerikani; ix-xhud wiegeb li jista` jkun li kien hekk, ghaliex kien hemm bonds ghall-bejgh f`dik il-munita, u kienet opportunita` tajba ta` investiment.

“Ikkonferma ghal darba darbtejn li ma kellu jaghti ebda flus lil Dr Hayman. Muri Dok. RA 15, xehed illi xi hmistax wara l-mewt tan-Nutar kienu nqalghu xi kwistjonijiet ma’ whud mill-eredi tieghu; huwa kien offra li jiehu l-eredita` biex jaghmel tajjeb ghall-problemi kollha li kien hemm fl-atti ta` Dr Hayman. Ighid illi qabel miet in-Nutar kien qallu li ried jaghti Lm 30,000 lil ommu, lil huh u lil ohtu rispettivament u jiehu Lm 40,000 l-ufficcju sabiex jingabru d-djun li ghad kellhom jingabru u jithallsu l-boll u l-ispejjez kollha li kienu ghadhom pendenti. Wara l-mewt tieghu, ix-xhud gabar lista tal-kontijiet mill-Bank of Valletta, u sab li kien hemm inqas mill-Lm 130,000 li kien semma n-Nutar. Wara li saret ricerka ohra, irrizulta li Dr Hayman kellu zewg client accounts ohra, u li dak l-ammont kien jezisti. Huwa avza lil missier n-Nutar, u halla l-affarijiet hekk. Imbaghad meta bdew jinqalghu l-kwistjonijiet dwar ix-xoghol, id-dejn, l-atti pendenti u affarijiet ohra li kien dahal fil-kwistjoni Imhallef Victor Borg Costanzi; kien mar l-ufficcju u x-xhud offra li l-atti jibqghu konservati fl-ufficcju tal-Hamrun. Mistoqsi mill-Qorti min hejja Dok RA 15, ix-xhud stqarr kien xi hadd legali; jew mill-ufficcju tal-Avukat Generali ; jew l-avukat tieghu ta` dak iz-zmien Dr Stefan Frendo. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hu stess li pprepara d-dokument xehed illi hu forsi hadem fuq xi ideat u ziedhom. Huwa kien jaqbel mal-kontenut tad-dokument izda qatt ma kien finalizzat. L-offerta tieghu kienet illi jiehu l-eredita` biex isolvi l-problemi. Mistoqsi mill-Qorti x`interess seta` kellu hu li jidhol ghal dak l-inkwiet, Mugliette wiegeb illi huwa kien l-uniku li seta` jevita hafna problemi lin-nies u kien kapaci jsib tarf. Dwar l-istess Dok RA 15, stqarr illi l-figura ta` Lm 22,000 kienet il-valur tar-ricerki.

“Xehed ukoll dwar Dok NVL 1. Dik hija lista ta` proprjetajiet ta` Nike Ventures Limited, inkluz propjeta` li nbieghet. Mistoqsi kemm kellhom joint accounts hu u n-Nutar, l-attur wiegeb li kellhom tnejn. Kien hemm ikoll il-kont ta` Nike Ventures Limited.

“Riferibbilment ghal Skeda 1 ta` Dok NVL1, in partikolari ghall-propjeta` tal-Hamrun, l-attur kien mistoqsi jekk kellux kopja tal-konvenju u wiegeb li ma kellux. Mistoqsi ghaliex kien hemm diskrepanza fis-sens illi fuq il-konvenju thallsu Lm 2,200, u fil-kuntratt jinghad li l-proprjeta` nbieghet ghal Lm 18,000, l-attur wiegeb illi l-prezz tal-konvenju u l-kuntratt kienu differenti. Mistoqsi ghaliex fuq il-kuntratt ma kienx inkiteb illi kienu diga` thallsu Lm 2,200, huwa wiegeb li kien dehru Lm 18,000; fil-fatt thallsu Lm 10,000. Kien mistoqsi jekk il-flus li ma dehrux kienu Lm 7,200. Huwa wiegeb li forsi anke aktar ma kienux dehru. Kien mistoqsi dwar il-pagament ta` Lm 10,000 lil John Cutajar permezz ta` cheque ta` Nike Ventures, u jekk dakinhar tal-kuntratt kienux gew trasferiti Lm 10,000 mill-joint account ghall-kont ta` Nike Ventures; ix-xhud wiegeb li jista` jkun li gara hekk. Mistoqsi ukoll jekk dakinhar stess kienux zbankati wkoll Lm 13,800, li minnhom Lm 10,000 marru fil-kont tal-kumpanija u Lm 3,800 marru fil-joint account l-iehor, ix-xhud wiegeb li hekk sar. Kien f`dan l-istadju li l-konvenuti pprezentaw minn Dok RA1 sa Dok RA3. Dwar xiehda precedenti li kien ta b`riferenza ghall-pagament lir-Regina Auto Dealer, ix-xhud ikkonferma li l-figura t-tajba kienet Lm 8,000 ghaliex wara dik ix-xiehda huwa kien qala` xi karti u sab kopja ta` c-cheque u pprezentah ; probabilment kien kien ghamel *endorsement* tac-cheque favur ir-Regina Auto Dealer.

“Riferibbilment ghal Skeda 2 li tirrigwarda l-guest house ta` Sliema, l-attur kien mistoqsi jekk fil-kaz ta` dik il-proprjeta` kienx gara l-istess bhal fil-kaz tal-propjeta` tal-Hamrun, u cioe` li kienu nhargu Lm 30,000 mill-joint account biex kienu trasferiti ghall-kont tal-kumpanija. L-attur li probabilment gara l-istess - Dok. RA 4 u Dok. RA 5.

“Riferibbilment ghal Skeda 4 li li tittratta propjeta` fi Triq id-Dejqa, Siggiewi, l-attur ikkonferma li l-bejgh ta` dik il-propjeta` kien ghall-prezz ta` Lm 45,000. Ikkonferma dak li nkiteb fl-Iskeda fis-sens illi d-depozitu ta` Lm 4,000 thallas mill-fondi personali tan-Nutar; l-istess is-senserija. Mistoqsi jekk kienux saru hlasijiet ta` boll u insinwa l-attur xehed illi ma kienx sab record li dawn il-hlasijiet kienu saru. Mistoqsi jikkonferma mnejn gew il-Lm 15,000 Mugliette xehed illi dawk gew mill-kambju minn Dollari Amerikani ghal flus Maltin. Mistoqsi mnejn kien jirrizulta li dawk il-flus kienu tieghu, ix-xhud wiegeb illi l-kumpanija Mond Navigation hija kumpanija tas-shipping tieghu - Dok. PP1.

“Riferibbilment ghal Skeda 3 li tittratta propjeta` go G`Mangia, l-attur kien mistoqsi min kien ghamel t-trasferiment mill-joint account ghall-kont ta` Nike Ventures. Ghall-ewwel ighid li t-trasferiment ghamlu hu, pero` wara li kien suggerit lilu li fil-fatt it-trasferiment kien ghamlu Dr Hayman, l-attur ma eskludiex li t-trasferiment seta` sar min-Nutar. Kien mistoqsi x`kien l-iskop tat-transazzjoni dwar Lm 1500 li saret dakinhar. Mugliette wiegeb li dawn ma kellhom xejn x`jaqsmu mal-kuntratt. Ikkonferma li dik il-propjeta` ghalkemm tidher li kienet akkwistata bi flus Dr Hayman fil-verita` kienu flus tieghu, wara li hu u l-mara kienu xtraw zewg bicciet art l-Madliena ghall-prezz ta` Lm 40,000. Cio` nonostante

kien konfrontat bid-Dok RA 10 li hija nota tal-insinwa u turi li effettivament dawn inxtraw ghal Lm 5,000.

“L-attur xehed illi l-propjeta` ta` G`Mangia (Dar Aida) kienet akkwistata minghand il-familja Zammit Tabona. Kien suggerit lill-attur illi fil-fatt Zammit Tabona kien se jbiegh fuq konvenju lil certu Leo Gatt u huma dahlu minflok. Xehed illi ma jiftakarx li l-atti hekk kienu graw. Huwa ma jafx min huwa Leo Gatt. Il-ftehim sar ma’ Zammit Tabona. Kien muri pagament li sar minn Dr Hayman fis-27 ta` Marzu 1996 favur Leo Gatt u martu – Dok. RA 11. Ix-xhud wiegeb li ma jafx x`kien dak il-pagament. Kien muri kopja ta` konvenju bejn Zammit Tabona u Leo Gatt – Dok. RA 12. Mugliette wiegeb illi kien qed jara d-dokument ghall-ewwel darba.

“Kien mistoqsi dwar dak li qal fl-Skeda li l-flus li ntuza biex nxtrat n-nofs ta` Dar Aida gew minn konvenju fuq restaurant bl-isem Gullivers go Paceville. L-attur xehed illi Lm 10,000 li kien hallas bhala depozitu kien gabarhom in-Nutar, ghalkemm dawk l-Lm 10,000 kienu tieghu. Huwa ma kellux prova li dawk l-Lm 10,000 hallashom lil Av. John Vassallo. Mistoqsi jekk minbarra dawn kienx hemm xi drabi ohra li n-Nutar Hayman gabarlu l-flus f`ismu u li mbaghad r-rikavat intuza ghal Dar Aida, ix-xhud wiegeb li kien hemm ukoll l-kumpanija BuyTrust Limited. Mistoqsi biex jispjega ghaliex ghalkemm l-kuntratt finali ghal Dar Aida sar f`Marzu 1997, n-Nutar Hayman kien ghaddielu Lm 17,000 fit-28 ta` Novembru 1997, ix-xhud wiegeb li l-affarijiet kienu jmorru hekk. Indika c-cheque tal-hlas bhala dak bin-Nru 28. Mistoqsi ghaliex c-cheque inhareg f`isem in-Nutar, l-attur wiegeb illi c-cheque huwa bil-kaligrafija tieghu u nkiteb f`isem in-Nutar ghal skopijiet ta` taxxa. Ic-cheque kien depozitat fil-joint account. Sar hekk propju ghaliex il-joint account kien tieghu u li l-flus li kien hemm fih kienu tieghu biss. Minn dak il-kont kif ukoll mis-savings account gieli hallas ukoll lis- segretarji.

“Kien mistoqsi dwar Skeda 5 li tikkoncerna Gnien Wied Hesri. Xehed li dik ma kenitx l-ahhar proprjeta` li xtrat Nike Ventures, ghax kien hemm ukoll dar B`Kara. Paul Xuereb li jissemma kien deher fuq konvenju u kien akkwistati d-drittijiet tieghu. Ma jafx min hallas lil Xuereb. Huwa kien ftiehem prezz wiehed ma’ John Cutajar. Muri cheque Dok RA 14, minn fejn jirrizulta hlas li kien ghamel Dr Hayman lil Paul Xuereb ta` Lm 14,000, ix-xhud wiegeb li huwa ma jafx li Paul Xuereb kellu x`jaqsam mal-Lm 14,000. Dik kienet l-ewwel darba li kien qed jara dak ic-cheque; jaf li Paul Xuereb kellu jiehu Lm 10,000. Muri zewg cheques, wiehed datat 11 ta` Mejju 1998 mahrug minn Dr Hayman favur John Cutajar – Dok. RA 14 - u iehor datat 22 ta` Dicembru 1998 mahrug bl-istess mod – Dok RA 15, ix-xhud wiegeb li qatt ma ra dawk ic-cheques.

“Mistoqsi ghaliex fil-kaz tal-Lm 40,000, dawn tpoggew fil-kont ta` Nike Ventures, izda mbaghad Lm 17,000 poggihom fil-joint account, ix-xhud wiegeb illi wiehed kien rikavat minn bejgh ta` propjeta` tal-kumpanija; probabilment kien iddepozita l-flus fil-kont tal-kumpanija u l-ghada ttrasferixxa ghal gol-joint account. Il-bank ma kienx ta raguni ghala kien

inghalaq il-kont tal-kumpanija; huwa ma kienx ta l-kunsens tieghu biex jinghalaq il-kont.

"Meta xehed in ri-ezami, l-attur stqarr illi l-kuntratt tal-proprjeta` tas-Siggiewi sar l-Bank u mhux l-ufficcju tan-nutar ghaliex ix-xerrej kien qed jiehu self. John Cutajar kien klijent ta` Dr Hayman; kien jaghmillu l-konvenji u l-kuntratti kollha tieghu. Fl-ahhar hames hames snin ta` hajtu huwa kien jara lin-Nutar kuljum. Ikkonferma li Dr Hayman kien in-nutar u l-habib tieghu; ma kienux jaghmlu negozju ta` proprjeta` flimkien.

"Il-konvenut Christopher Hayman – hu Dr John Hayman – xehed illi huh John kien persuna generuza hafna. Meta hu xtara l-post tieghu gewwa San Giljan, John kien sab l-post ghal prezz tajjeb u silfu l-flus minghajr imghax. Meta John dahal l-isptar, beda jiltaqa` ma' Edmond Mugliette. Kien diga` jafu qabel ghaliex kienu ltaqghu l-gnien li missieru kien xtara s-Siggiewi fejn Mugliette kien jahdem parti zghira minnu. Meta John kien l-isptar, Mugliette beda juri l-pussess li kellhu fuq John; lanqas halla lil ohtu tidhol tarah. Mugliette ha f`idejh il-vettura Pajero ta` John u baqa` jaghmel uzu minnha anke wara mewt tieghu; kien biss bl-intervent tal-avukati li kienu hadu lura din l-karrozza wara hafna xhur. Meta l-attur kien ikun hdejn John, kien jghidilhom biex ihallu kollox f`idejh. L-ghada tal-mewt ta` John, marret id-dar taghhom Dr Mary Grech Pace u wara li tathom Lm 2,000 f`cheques, qaltilhom li l-kumpanija ta` John, Nike Ventures ma kenitx f`ismu izda kienet f`isem l-attur. Dik kienet l-ewwel darba li semghu dan kollu ghaliex huhom kien dejjem jghidilhom li l-kumpanija kienet tieghu. Ftit wara l-mewt ta` John, Mugliette beda jinsisti li missierhom kien qed ihawwad ghaliex kien qed isaqsi u jindaga sabiex jara x`tip ta` negozju kellu John. L-attur kien issuppervja u qata` minn maghhom. Fil-5 ta` Mejju 2001 saret laqgha ghand in-Nutar Mario Bugeja biex tinstab soluzzjoni pero` l-esitu tal-laqgha ma kienx tajjeb. Jumejn wara regghu marru l-ufficcju tan-Nutar Bugeja izda qalilhom li Mugliette kien ghadu kif cempel u qallu biex jinsa l-arrangament li kien se jsir mieghu biex jixtri l-wirt ta` John ghal Lm 70,000. Wara kienet saret laqgha ohra bejnu u Mugliette ; l-attur tah id-Dok RA 15, u qallu biex jaqra sewwa d-dokument qabel jiffirma. Min-naha tieghu huwa wera d-dokument lil Dr Charles Mangion u Dr Anthony Borg Barthet. Cempel lill-attur u qallu li kien qed jirrifjuta l-offerta.

"Fil-kontroezami, ix-xhud stqarr illi meta John kien marid, missieru kien ta lilu cheque ta` Lm 10,000 li kien tah John. Ma jafx minn liema kont kien hareg dak ic-cheque. Bil-kumpanija Nike Ventures sar jaf ghax kien isemmieha John u allura qabel miet John. Il-propjetajiet li kien jaf li kienu ta` John kienu l-gnien, l-ufficcju tal-Hamrun, id-dar ta` G`Mangia, guest house li kienet ta` Sliema u d-dar tas-Siggiewi. Ikkonferma li John ma kienx jaghti kaz tal-flus. Qabel miet qallu li kellu Lm 100,000 l-Bank. Dwar l-affarijiet tieghu, kien ighidilhom biex ihallu kollox f`idejn l-attur ghaliex kien se jiehu hsieb kollox hu u biex ma jinkwetahwx.

"Mistoqsi in <u>ri-ezami</u> jekk John kienx ta struzzjonijiet lill-attur dwar kif kellu jipprocedi wara l-mewt tieghu, ix-xhud wiegeb li fil-ftit kuntatt li kellu ma' l-attur wara l-mewt ta` John, dan kien qallu li kellu karta li kien kiteb John bl-istruzzjonijiet ta` x`ghandu x`jsir, izda dik il-karta ma rawha qatt u ma jafux x`fiha. Il-karta ma kienx semmieha John qabel miet izda l-attur kien li accenna ghaliha.

"<u>Il-konvenut John Patrick Hayman</u> – missier Dr John Hayman – xehed illi ibni John miet intestat. Lejn nofs is-snin disghin, John kien qallu li kien qed jahseb biex jifforma kumpanija u li l-attur Mugliette kien se jehodlu hsiebha. Wara xi ftit John qallu li kien xtara zewg appartamenti gebel u saqaf minghand John Cutajar, maghruf bhala r-Regina, u li kien bi hsiebu jaghmilhom ufficcju ghalih u ghal martu. Il-flats kienu qeghdin Triq Atocia, l-Hamrun ; kienu l-istess appartmenti li wara rrizultaw li kienu akkwistati minn Nike Ventures Limited. Kien fissirlu kif kien se jirranga dawk l-appartamenti, u li ried jaghmilhom sikuri billi kienu sejrin jintuzaw bhala ufficcju. Darba minnhom kien qieghed go arozza ma' John, u waqt li kienu ghaddejjin minn Triq Manwel Dimech, Sliema, John urieh guest house; qallu illi kien xtraha xi ftit zmien qabel. Qallu li kien xtara proprjeta` go G`Mangia bi shab ma' kuntrattur jismu John Vella mill-Mosta ; tah ukoll ic-cavetta biex kull meta seta` jmur jittawwal il-post.

"Kompla jixhed illi fil-bidu tal-1997, hu kien jixtri bicca raba biex ikollu fejn imur meta jirtira mix-xoghol ; wara ftit ghadda ghalih John u qallu li kien xtralu gnien. Marru ghal John Cutajar u sensar minn Haz-Zebbug certu Karmnu Camilleri. Qabel marru ghand bidwi jismu Philip u mbaghad marru Wied Hesri, s-Siggiewi; il-bidwi uriehom gnien ta` tlitt itmiem u nofs b`zewgt ikmamar go fih. John staqsieh kienx joghbgu; il-gnien ghogbu ghalkemm kien kbir, izda l-bidwi qallu li kien lest ighinu sakemm jidra. John xtara l-gnien u tah ic-cavetta; fil-fatt kienu jmorru ta` spiss hu u l-familja. Xi zmien wara John staqsieh jekk Mugliette setax jibda jmur jaghmel xi siegha fil-gnien, u x-xhud accetta. Hu beda jiehu hsieb il-gnien, u anke xtara mutur tal-hart u sigar.

"Stqarr illi darba John qallu li kien xtara dar is-Siggiewi sabiex jerga jbieghha; din id-dar kienet fi Triq id-Dejqa, Siggiewi. John tah c-cavetta u hu dahal fid-dar diversi drabi. John kellu l-inkwiet mal-mara tieghu u sseparaw. Meta bintu marret tkellem lill-mara ta` John, qaltilha li l-kagun tal-inkwiet taghhom kien l-iktar Mugliette u l-inflwenza kbira li kien qed ikollu fuq John; tant ikkondizzjonah li John kien bidel l-karattru tieghu.

"Fisser illi meta John kien beda ma jiflahx lejn l-ahhar tal-2000, Mugliette kien jiehu hsieb hafna mill-qadi. Wara l-mewt ta` John, Mugliette qal lil tifel iehor tieghu, Chris, illi John ma kienx jaf x`kien hemm fil-kontijiet tieghu ghaliex kien jehodlu hsieb ta` kollux hu, u kien ghalhekk Mugliette biss li kien jaf John x`kellu jew ma kellux. Meta marad, John kien qallu li hu qatt ma kien hallas taxxa f`hajtu u avzah li wara mewtu setghu jinqalghu l-problemi, izda kien qallu biex ma

jinkwetax ghaliex Mugliette kien se jiehu hsieb ta` kollox. Fil-fatt wara li miet kien inqala` inkwiet kbir mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, liema problemi kellu jsolvihom ix-xhud wahdu, bl-ghajnuna tal-avukati tieghu ; fil-fatt hallas flejjes kbar f`taxxa.

"Dwar id-dar fi Triq id-Dejqa, Siggiewi, ix-xhud stqarr illi John kien baqa` jghidlu li ried ibieghha, u li l-flus kien se jiddepozitahom fil-joint account li kellu ma' Mugliette, biex dan ikun jista jhallas xi kontijiet pendenti. Fil-fatt il-kontijiet ta` John kienu thallsu mir-rikavat ta` l-bejgh ta` dik id-dar. Fil-fatt il-kawza tal-lum tirrigwarda propju r-rikavat mill-bejgh ta` dik id-dar li kien depozitat fil-kont tal-bank.

"Qal illi ftit qabel miet John kien urieh ix-xewqa illi x-xoghol pendenti fl-ufficcju legali tieghu jkompli ghaddej, u li l-qligh li jidhol minnu, imur kollu ghall-karita`. Dan il-kliem ikkonfermah anke l-attur wara l-mewt ta` John. L-attur kien ghamel gimgha gej u sejjer id-dar taghhom. Waqt wahda minn dawn iz-zjarat, l-attur qallu illi meta ghamel l-kalkoli bejn dak li kellu jiehu John minghand l-klijenti, u dak li kellu jhallas, ma kien se jibqa` xejn biex titwettaq ix-xewqa ta` John. Kien dan iz-zmien meta Mugliette kien issuggerixxa li jiehu kollox f`idejh u l-flus li jigbor izommhom u jerfa` r-responsabbilita ta` dak li kien hemm biex jithallas. Ghalkemm dak is-suggeriment ma kienx ghogob lix-xhud, huwa sab ruhu daru mal-hajt ghaliex ma kienx jaf x`kien qed jigri fl-ufficcju. Kien ghadda wkoll Lm 2000 lill-attur li kien s-sehem li n-Nutar Mary Grech Pace kienet tatu bhala sehem John mix-xoghol li kienet ghamlet fl-ufficcju. L-attur ha dawk il-flus izda qatt ma ta rendikont ta` dak li ghamel bihom. Meta wera lil Mugliette li ma kienx lest icedi l-ufficcju ta` John, l-attur beda jbezzghu billi ighid li kien hemm hafna boll u taxxi x`jithallsu. Dak iz-zmien ukoll beda jircievi hafna telefonati ta` klijenti ta` John rigward xoghol li ma kienx tlesta u meta kien ighidilhom biex icemplu l-ufficcju, il-klijenti kienu jghidu li fil-fatt hekk kienu ghamlu u Mugliette kien ighidilhom biex icemplu lilu.

"Xehed illi dan kien iz-zmien ukoll meta kienet saret l-proposta kontenuta fid-Dok RA 15, li huma bhala eredi ma accettawx. Bl-ghajnuna tan-Nutar Claire Falzon u ta` nutara ohra, l-attur beda jiffinalizza l-kuntratti ta` John izda minn dawn huma qatt ma hadu xejn. Ix-xhud mar jiehu parir minghand l-Av. Anthony Borg Barthet, li kien l-Avukat Generali, u kien deciz illi huma jaccettaw il-wirt ta` John, bil-beneficcju tal-inventarju, minhabba l-kwistjoni tat-taxxa. Intant il-Qorti ta` Revizjoni tal-Atti Notarili ordnat sabiex jinhatar kuratur tal-atti sabiex ix-xoghol ta` John jigi ezaminat billi kien hemm nuqqasijiet fil-mod kif John kien izomm l-atti tieghu. Waqt li kienet qed taghmel x-xoghol taghha, il-Qorti sabet hafna opposizzjoni minghand l-attur. Wara li kienet saret ricerka wkoll dwar l-attiv u l-passiv ta` John irrizulta li l-unika proprjeta` li kienet f`ismu kienet id-dar taz-zwieg li kellu s-Siggiewi; il-propjetajiet kollha l-ohra kienu f`isem l-kumpanija Nike Ventures Limited. Mir-ricerki rrizulta wkoll li l-ghada tal-mewt ta` John, kienu gew zbankati Lm 40,500 mill-joint account ta` bejn John u Mugliette, u li kien Mugliette li effettwa l-izbank. Ghalkemm John kellu

klijentela tajba u dhul immens mill-professjoni tieghu, minbarra d-dar matrimonjali, ma kellu xejn aktar f`ismu. John kellu jaghti l-eluf lill-awtoritajiet tat-taxxi. Mir-ricerka li ghamel fil-Arkivji Notarili rrizulta li kull proprjeta` nxtrat f`isem Nike Ventures, li qabel x-xiri tal-proprjeta` kienu jinhargu l-flus mill-kont personali ta` John u dawn jigu ttrasferiti fil-kontijiet tal-kumpanija, u l-proprjeta` kienet tinxtara f`isem il-kumpanija. Huma ma ghandhomx l-icken dubju li dawk il-proprjetajiet inxtraw minn John wahdu ; fil-fatt meta John kien ghadu haj, Mugliette qatt ma kkontesta dan kollu.

"Fil-<u>kontroezami,</u> John Patrick Hayman xehed illi sakemm ibnu John miet ma kien jaf xejn dwar l-affarijiet tieghu lanqas kemm kellu flus il-bank. Dwar il-kumpanija Nike Ventures kien jaf ghaliex John kien qallu dwarha. Wara l-mewt ta` John sab li fil-kontijiet personali ta` John kien hemm depozitati madwar Lm 130,000. Ikkonferma li qabel miet, John kien tah zewg cheques ta` Lm 10,000 : wiehed kien ghal ohtu Tanya, u l-iehor ghal huh Christopher ; il-flus kienu depozitati qabel miet. Ma jafx jekk meta nxtrat id-dar taz-zwieg kienx ittiehed self mil-Lohombus. Wara l-mewt ta` John ma rrizultax li kien hemm xi self pendenti fuq dik id-dar. Ghar-rigward ta` taxxa, hallsu mill-flus li kienu ta` John : Lm 43,000 f`income tax u Lm 80,000 VAT. Wara l-mewt ta` John sar jaf mill-MFSA illi Nike Ventures Limited kienet giet iffurmata fl-1995. L-ishma taghha kienu naqsuma inkwantu ghal 499 kien f`isem Mugliette u sehem wiehed f`isem ibnu John. Dwar l-immobbli, John kien ighidlu li kien akkwistahom hu minn flusu u poggiehom f`isem il-kumpanija ; kien ighidlu wkoll li l-kumpanija kienet tieghu. Wara l-mewt ta` John, meta sab li fil-kumpanija John kellu biss sehem wiehed, huwa ma kienx kellem lill-attur. Qabel miet John, lil Mugliette kien jarah anglu ghaliex kien qed jghin lil John. Wara l-mewt tieghu izda beda jghidlu hafna kliem bhal li kien se jmexxi kollox hu, jiehu l-proprjeta` kollha f`idejh, jiehu d-dokumenti kollha f`idejh, anke dawk notarili. Minn hemm beda l-inkwiet ma' Mugliette. Huwa qatt ma ha passi legali biex l-ishma ta` Nike Ventures iduru fuq John. Meta John dahal l-isptar, id-dar ta` Triq id-Dejqa, Siggiewi, ma kenitx ghadha inbieghet pero` qallu li bil-flus li kienu sejrin jidhlu kienu se jmorru fil-joint account. Dak iz-zmien ma kienx jaf li l-attur kellu prokura ta` John; sar jaf b`dan waqt is-smigh tal-provi fil-kawza tal-lum. Il-flus li dahlu mill-bejgh tad-dar ta` Triq id-Dejqa, Siggiewi, marru fil-joint account, u l-ghada tal-mewt ta` John, u cioe` fl-24 ta` April 2001, Mugliette zbanka l-flus; kienu Lm 40,500. Wara l-mewt ta` John, sar jaf li John kien imdahhal f`kumpanija ohra oltre Nike Ventures li kien jisimha Biscuit Limited.

"<u>Magistrat Dr Miriam Hayman</u> kienet il-mara ta` Dr John Hayman izda kienet separata minnu konsenswalment. Qalet li ma tafx jekk l-attur kienx jaf kif kienet qeghda tisvolgi s-separazzjoni taghha minn Dr Hayman. Qabel is-separazzjoni, huma kienu hbieb ma' Mugliette u kienu jafdaw lil xulxin. Taf li zewgha u l-attur kienu jafu x`kien jaghmel l-iehor u dan ad esklussjoni taghha. Zewgha kellu klijentela kbira. Qabel is-separazzjoni, kienu ilhom li zzewgu disa` snin u tlett xhur. L-ufficcju tal-Hamrun kien ta` zewgha ; il-gnien tas-Siggiewi kien ta` missieru.

Ikkonfermat li zewgha u Mugliette kienu hbieb kbar u kellhom negozju flimkien.

"Fil-<u>kontroezami</u>, kienet mistoqsija jekk tiftakarx li wara xi sentejn li kienu mizzewgin kienu hadu overdraft mill-Bank of Valletta. Ix-xhud wiegbet illi jekk sar hekk ma kenitx taf b`dak l-overdraft; meta kienet mizzewga hi qatt ma hadet overdrafts minghand l-ebda bank. Mistoqsija jekk tiftakarx li l-overdraft kien ta` Lm 40,000 biex saru xogholijet fid-dar, qalet li huma dahlu fid-dar fl-1992; ghalkemm id-dar ma kenitx ghadha lesta, jekk l-overdraft ittiehed fl-1994, dan ma setax kien ghad-dar ghaliex ghalkemm ma kenitx dar zghira, ma kienux nefqu daqshekk biex jirrangawha. Mistoqsija jekk tiftakarx li fit-8 ta` Novembru 1995, kienu xtraw post is-Siggiewi biex iservi ta` ufficcju, ix-xhud wiegbet illi xi zmien matul d-disa` snin li damu flimkien kien inxtara post is-Siggiewi, pero` dak il-post skont zewgha kien inbiegh lil terzi ; dwar dan kellhom xi jghidu. Dwar l-ufficcju ta` l-Hamrun, tiftakar li zewgha u l-attur kienu juzaw l-istess appartament, ghaliex l-iehor kienu qeghdin jirrangawh. Wiehed kien lest bis-segretarji u l-board room; l-iehor kien qed jigi rrangat. Ghandha l-impressjoni li qatt ma rat lest it-tieni wiehed. Kienu zewg flats hdejn xulxin Fil-patt tas-separazzjoni taghha, hija hadet Lm 20,000; ma kienx hemm affarijiet ohra. Ma kenitx taf li zewgha kellu kumpanija. Milli kien ighidilha zewgha, l-attur kien jinnegozja fil-proprjeta`, kellu interessi fis-shipping, u anke kien jaghmilha ftit ta` awditur. Zewgha kien jafda lil Mugliette fl-accounts; u d-diskors ta` zewgha dejjem kien illi jinqala x`jinqala kellha tistaqsi lil Mugliette. Mistoqsija jekk zewgha kienx qatt qalilha li kien xtara ghalqa ghal missieru, ix-xhud wiegbet illi hija taf li dik l-ghalqa kienet ta` missieru, ghaliex hekk kien qalulha kemm zewgha kif ukoll l-attur; ma tafx kif kienet giet akkwistata.

"In <u>ri-ezami</u>, ix-xhud kienet domandata jekk dwar l-ufficcju tal-Hamrun qattx kien hemm d-diskors fis-sens li dak ta` Mugliette wahdu. Ix-xhud wiegbet li ghaliha hemm kien tat-tnejn.

"Ikkunsidrat :

"III. <u>Sintesi tas-sottomissjonijiet</u>

"1. <u>L-atturi</u>

"L-atturi jissottomettu illi l-kawza hija mpernjata fuq zewg aspetti ; fl-ewwel lok : il-flus li kien zbankati l-ghada tal-mewt ta` Dr Hayman ; fit-tieni lok : il-joint account.

"Dwar il-flus li kienu zbankati, irrizulta li l-ammont zbankat kien Lm 40,500. Fl-14 ta` Marzu 2001, u cioe` xahar u gimgha qabel miet in-Nutar, Nike Ventures Limited bieghet il-fond ta` Triq id-Dejqa, Siggiewi lil koppja ta` cittadini minn Sweden ghall-prezz ta` Lm 45,000. Dakinhar stess li sar il-bejgh, il-prezz dahal fil-joint account. Il-flus damu fil-joint account ghal hames gimghat billi l-attur Mugliette jikkontendi li kien il-

hin kollu man-Nutar. L-argument tal-atturi huwa li dawk il-flus la kienu tal-konjugi Mugliette la kienu tal-eredi ta` Dr Hayman izda kien ta` Nike Ventures Ltd.

“Irrizulta li l-konvenuti qatt ma pprocedew gudizzjalment la fir-rigward tal-immobbli, la dwar il-joint account u lanqas ghall-partecipazzjoni li Dr Hayman seta` kellu fi Nike Ventures Limited. Xhud indipendenti mill-partijiet skont l-atturi kienet il-Magistrat Dr Miriam Hayman. Skont l-evidenza taghha, waqt il-perijodu ta` koabitazzjoni taghha ma’ zewgha, qatt ma kellha idea jew impressjoni li zewgha kien qed jinnegozja l-proprjeta`. Propju ghalhekk il-verzjoni ta` l-attur Mugliette hija veritiera. Dr Hayman kien in-Nutar kemm tal-attur Mugliette kif ukoll ta` Nike Ventures Ltd. F`dik il-funzjoni kien ikun jaf dwar il-proprjetajiet.

“Dwar il-appartenenza tal-joint account, hemm presunzjoni mhux assoluta illi dak il-kont kien jappartjeni nofs bin-nofs lill-intestatarji, izda hemm presunzjoni wkoll specjalment meta ikun hemm bniedem legali nvolut illi dan ikun prestanome.

“Isostnu li bosta mill-provi li gabu l-konvenuti ma huma provi xejn izda suspetti. Il-Qorti ghandha toqghod attenta ferm ghax-xiehda li taw il-konvenuti Hayman. Xehdu bl-affidavit izda mbaghad waqt il-kontroezami ziedu cirkostanzi li ma kienux stqarrew fl-affidavit ; apparti li kien aspetti milli xehdu li kienu *detto del detto*.

“L-atturi kkritikaw il-mod kif il-konvenuti gabu dokumenti bhala prova, bid-differenza li kien manifest it-tentattiv taghhom li jaqbdu cheques li kellhom tan-Nutar bdew jittentaw iqabbluhom mal-kuntratti biex igibu `l quddiem l-istanza taghhom. Skont l-atturi, it-tentattiv tal-konvenuti kien skorrett ghaliex hija prattika ta` kwalunkwe nutar li qabel ma jsir l-kuntratt isir depozitu ta` flus f`idejh biex imbaghad johrog pagament hu b`cheque tieghu.

“Skont l-atturi, il-Qorti ghandha tqis il-komportament apert ta` l-attur Mugliette waqt ix-xiehda tieghu fis-sens illi meta kien mitlub jipproduci t-transazzjonijiet kollha li saru mill-kontijiet tal-kumpanija, u t-transazzjonijiet tal-joint account, huwa pproduciehom u pprova li tassew Nike Ventures Limited kienet tal-atturi konjugi Mugliette, u li l-propjetajiet kollha kienu akkwistati mill-kumpanija, u li tassew il-flus li ccaqilqu mill-joint account ghall-kont ta` Nike Ventures Ltd kienu fil-fatt u fir-realta` flus ta` Nike Ventures Ltd.kont kongunt huwa ghamel hekk u b`hekk wera l-verita illi l-kumpanija Nike Ventures giet inkorporata minn Mugliett u l-mara tieghu, l-proprjetajiet kollha nxtraw mill-kumpanija u fir-rigward ta` dak id-depozitu tal-14 ta` Marzu, dan kien rikavat ta` bejgh li dahal f`dawk il-kont u nhareg hames gimghat wara. Dak l-flus kien tal-kumpanija Nike Ventures Limited.

“2. <u>Il-konvenuti</u>

"Il-konvenuti rrimarkaw illi fis-sentenza li kien tat il-Qorti tal-Appell f`kawza ohra bejn il-partijiet li prrecdiet il-kawza tal-lum kienet iddikjarat illi l-flus li kienu gew zbankati mill-joint account kellhom jitqeghdu lura fejn kienu fil-kont sabiex minn hemmhekk jigu zbankati jew bi ftehim bejn l-partijiet jew inkella wara sentenza li tiddikjara ta` min huma dawk il-flus. Huwa propju ghalhekk illi huma ma ressqux kontrotalba fil-kawza tal-lum ghaliex kull ma jrid isir mill-Qorti fil-kawza prezenti huwa li tiddikjara ta` min huma l-flus.

"Ighidu l-konvenuti illi l-ahjar prova li saret fil-kawza tal-lum kontra t-tesi attrici u cioe` illi l-flus mhumiex ta`a Nike Ventures Ltd saret propju mill-attur nnifsu ghaliex il-kawza ma kenitx istitwita minn Nike Ventures Ltd wahedha izda saret ukoll mill-konjugi Mugliette de proprio. Sabiex il-Qorti tikkonkludi li d-depozitu tal-joint account huwiex ta` Nike Ventures jew tal-eredi ta` Dr Hayman trid bilfors tistharreg x`gara qabel. Trid tara ta` min kienet fil-verita` Nike Ventures; kenitx paraventu ghan-negozju li kien isir bejn Muligiette u n-Nutar. Il-kumpanija kellha kontijiet bankarji u meta Mugliett kien mistoqsi ghaliex r-rikavat ta` dak il-bejgh mar fil-joint account mhux fil-kont ta` Nike Ventures, ir-risposta kienet li l-kaxxier ma setax ssib il-kont. Allura jekk hekk kien tassew il-kaz ghaliex dam hames gimghat sabiex jaghmel l-verifiki tieghu, jizbanka l-flus u jiddepozithom fil-kont tal-kumpanija ? Il-konvenuti jirrimarkaw illi mhux hekk sar ghaliex Mugliette ma riedx li n-Nutar jinduna li kien sar l-izbank. Ghalhekk l-ewwel haga li ghamel wara li miet n-Nutar kien li mar jizbanka l-flus. Haga ohra li ghamel kienet illi ttrasferixxa s-sehem li kellu n-Nutar fil-kumpanija ; ghalhekk il-konvenuti jistaqsu : jekk in-Nutar ma kellux interess fil-kumpanija ghaliex it-trasferiment tas-sehem ma sarx meta kienm ghadu haj ?

"Il-konvenuti jirreferu ghad-domanda tal-Qorti ghaliex huma ma kienux hadu passi legali sabiex jigu dikjarati ko-proprjetarji ta` l-kumpanija. U jghidu illi d-dettalji tan-negozju li kienet taghmel il-kumpanija hargu waqt is-smigh ta` din il-kawza ; in partikolari waqt il-kontro-ezamijiet. Il-kwistjoni ta` l-Lm 45,000 kienet kwistjoni ohra minhabba li kienu depozitati fil-joint account. Inoltre s-sitwazzjoni familjari tal-konvenuti wara l-mewt tan-Nutar ma kenitx facli ; l-ahhar haga li kellhom fuq mohhom kienu l-flus.

"Rigward l-ufficcju tal-Hamrun, il-konvenuti jirrilevaw illi ghalkemm Mugliette xehed illi n-Nutar kien biss juzah, il-Magistrat Hayman xehdet li dak l-ufficcju kien ta` zewgha u ta` Mugliette flimkien. Skont il-konvenuti *la chiave di lettura* wara l-fatt li kull darba li l-kumpanija kienet tixtri kien ikun hemm trasferiment ta` flus mill-joint account ghall-kont tal-kumpanija hija li n-Nutar ried izomm kontroll fuq il-flus u fuq il-kumpanija, u peress li kellu sehem wiehed biss ma kienx kawtelat u ghalhekk ried li l-flus dejjem jinzammu fil-joint account.kont kongunt. Jistaqsu l-konvenuti : jekk Dr Hayman kien biss in-nutar tar-rikorrent, x`sens kien hemm li huwa johrog flus mill-kont personali tieghu u jghaddihom lill-kumpanija ? Ir-raguni plawsibbli kienet illi dak kien il-kontribut tieghu ghall-akkwist ta` l-propjeta` partikolari. Skont il-konvenuti ma hemmx spjegazzjoni ohra.

"Rigward l-proprjeta` tas-Siggiewi, il-konvenuti jghidu li Lm 23,000 ngibdu mill-joint account u Lm 15,000 gew minn kumpanija barranija – Monte Navigation – li r-rikorrent qal li hija tieghu ghalkemm ma gabx prova ta` dak li allega. Kif ma gabx prova illi c-cheque li hareg meta nbieghet l-proprjeta` tas-Siggiewi nhareg fuq il-kumpanija u ma nharigx fuq in-Nutar u Mugliett flimkien. Id-depozitu ghall-konvenju ta` dik il-proprjeta` nhareg mill-kont personali tan-Nutar u mhux mill-joint account; l-istess is-senserija. Meta kien domandat dwar dan kollu, l-attur wiegeb illi probabilment hallas lura lin-Nutar pero` ma gabx prova dokumentata.

"Il-Qorti ghamlet domanda: kienx jaghmel differenza ghall-konvenuti jekk il-Lm 45,000 marru fil-kont tal-kumpanija minflok fil-joint account. Ir-reazzjoni tal-konvenuti kienet illi kieku gara hekk kien ikun ta` zvantagg ghalihom ghaliex ma kienx ikollhom l-opportunita li jaghmlu l-*audit trail* li fil-fatt ghamlu. Bil-fatt illi sar depozitu fil-joint account, jinholqot il-presunzjoni li l-konvenuti ghandhom nofs dak l-ammont; u l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li l-joint account ma kienx nofs bin-nofs.

"Ikkunsidrat :

"IV. <u>It-tielet eccezzjoni</u>

"Bit-tielet eccezzjoni, il-konvenuti qeghdin jeccepixxu illi l-konvenuta Nike Ventures Ltd m`ghandhiex interess guridiku fil-kawza.

"Il-Qorti tirrileva li *rekwizit imprexxindibbli ta` kull azzjoni huwa l-interess f`min jipproponiha ; u dan l-interess ma ghandux ikun ipotetiku imma hemm bzonn li jkun konkret u sussistenti di fronti ghal dak li jigi maghzul mill-attur bhala kontradittur legittimu* ("<u>Balluci vs Vella Gera</u>" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 12 ta` Marzu 1946 ; "<u>Zammit vs Formosa et</u>" – Qorti tal-Appell – 11 ta` Gunju 1948 ; "<u>Zammit Psaila et vs Ellul</u>" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 23 ta` Jannar 1956).

"Il-Qorti tirrimarka li *l-interess tal-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz tal-azzjoni jista` jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili. L-attur irid juri illi ghall-esercizzju tad-dritt tieghu ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti ("<u>Bartoli pro et noe vs Zammit Tabone et</u>" – Qorti tal-appell – 24 ta` Marzu 1961). L-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni. Dan l-interess ghandu karattru personali jigifieri illi l-vjolazzjonijiet biss ghad-drittijiet li jappartjenu lill-atturi jawtorizzawh li jezercita l-azzjoni. U dan l-interess, ikun x`ikun, morali jew pekunarju, irid ikun dejjem guridiku, jigifieri, korrispondenti ghal-lezjoni tal-veru dritt ; u jrid ikun dirett jew derivanti minn kawza korrelattiva mal-persuna li tagixxi, kif ukoll irid ikun legittimu u attwali. Ir-rekwizit ta` l-interess huwa ndispensabbli ghall-proponibilita` ta` domandi fi kwalunkwe sede kontenzjuza ; huwa l-bazi tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci*

*rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi pretiza* ("Camilleri et vs Sammut et" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 7 ta` Jannar 1953).

"Kif jidher anke mill-premessi tar-rikors guramentat, iz-zewg kontijiet bankarji li dwarhom l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta` appartenenza mill-Qorti huma ntestati lil *Mr. Edmond Espedito Mugliette & Dr John Hayman*.

"Il-kumpanija attrici ma jirrizultax illi hija ntestatarja ta` dawk il-kontijiet u ghalhekk il-Qorti mhijiex tara fejn fil-kaz ta` Nike Ventures Limited jissussisti r-rekwizit tal-interess li trid il-ligi.

"Inoltre, kif diga` l-Qorti accennat aktar kmieni, il-kawza tal-lum hija konsegwenza tal-kawza Citaz. Nru 1059/2003 fejn il-partijiet kienu Edmond Espedito Mugliette u martu Maria Therese Mugliette u l-konvenuti tal-lum. Hemm il-kumpanija ma kenitx parti; lanqas ma kienet ikkjamata fil-kawza. Il-Qorti tqis fondata din it-tielet eccezzjoni.

"Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa` t-tielet eccezzjoni.

"Ikkunsidrat :

"V. Gurisprudenza

"Qabel ma tesprimi ruhha dwar il-mertu, il-Qorti tirrileva illi evidenti hafna fil-kors tal-kawza tal-lum kien il-konflitt tal-provi tal-partijiet dwar il-punti ta` sostanza li fuqhom qed idur il-fus ta`l-kawza.

"Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza "Xuereb vs Gauci et" il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk :–

> "*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*
>
> "*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*
>
> "*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"*

"Tal-istess portata kienet is-sentenza ta` din il-Qorti (PA/TM) tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "Bugeja vs Meilak" fejn inghad hekk :–

> "*Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta` Novembru, 1966, li –*
>
> "*il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-*

> *bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, inkwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil- kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

"*Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia" – "mhux kwalunkwe tip ta` konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta u jkollha taqa` fuq ir- regola ta` in dubio pro reo".*

"(ara wkoll – "Ciantar vs Curmi noe" – PA/PS – deciza fit-28 ta` April 2003 ; u "Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa" - PA/PS - deciza fit-28 ta` Mejju 2003 ; "Borg vs Bartolo" – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980 ; "Caruana vs Laurenti" – Prim`Awla tal- Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; "Borg vs Manager ta` l- Intrapriza tal-Halib" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981 ; "Vassallo vs Pace" – Vol.LXX.II.144 u "Zammit vs Petrococchino" – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

"Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "Chef Choice Limited vs Raymond Galea et", din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk :-

> "*Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imam prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju (ara P.A. DS 13.2.2001 fil-kawza fl-ismijiet Nancy Caruana vs Odette Camilleri mhix pubblikata, imma f`dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27.2.2004) …*
>
> "*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (App. Inf. JSP 12.1.2001 fil-kawza fl-ismijiet Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-*

*allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil) ;*

"*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12) ;*

"*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhalma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

"*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et) Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawza fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd. Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (App. Civ. 19.6.2006 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (App. Inf. 9.1.2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

"Ikkunsidrat :

"VI. <u>Il-mertu</u>

"Protagonista ewlieni ta` din il-vicenda kien in-Nutar Dr. John Hayman illum mejjet. Sprovvista kif inhi mill-versjoni diretta tieghu, il-Qorti trid bilfors tiddeciedi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet, wara li tqis mill-kumpless tal-provi akkwiziti dawk li huma rilevanti ghall-accertament tal-fatti.

"Fil-konsiderazzjonijiet taghha, din il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-kawza tal-lum kienet preceduta mill-kawza "*John Patrick Hayman et*

*noe vs Edmond Espedito Mugliette et*" (Citaz. Nru. 1059/2003) li kienet deciza mill-Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Gunju 2008 u li ghaliha saret riferenza mill-konvenuti fl-eccezzjonijiet, ghalkemm dik il-kawza kienet tittratta wiehed miz-zewg kontijiet mertu tal-kawza tal-lum u cioe` il-kont bin-numru 115-0858402-0 mal-Bank of Valletta p.l.c.

"Ghalkemm fis-sentenza taghha, il-Qorti ta` l-Appell ma ppronunzjatx ruhha dwar lil min kienu jappartjenu l-flus li kien hemm f`dak il-kont, fl-istess waqt ghamlet dawn il-kostatazzjonijiet :-

> "*Il-kont inkwistjoni huwa intestat fiz-zewg persuni indikati u marbuta bil-konguntiv "and".*
>
> "*Meta jitpoggew flus f`kont, ir-relazzjoni mhix proprjament wahda ta` depozitu, izda ta` self (ara "Modern Banking Law" ta` Ellinger u Lomnicka – Oxford University Press 1994 Ed. Pagna 108 – u Miggiani v. Galea, deciza mill- Qorti tal-Kummerc fil-15 ta` Dicembru, 1900). La darba sar "self" lill-bank minn tnejn min-nies, ma jistax wiehed minnhom, ad insaputa tal-kreditur l-iehor, jaqbad u jigbor ghalih is-somma kollha hekk mislufa. Anke jekk bejn il-kredituri kienet tezisti s-solidarjeta` attiva, fit-termini ta` l-Artikolu 1090 tal-Kodici Civili, li tippermetti kreditur wiehed jitlob il-hlas tal-kreditu kollu, peress li, fis-sistema taghna, din is-solidarjeta` hi bazata fuq il-mandat reciproku (tant li tista` tigi terminata unilateralment minn wiehed mill-kredituri), u l-mandat jispicca mal-mewt tal-mandant jew tal-mandatarju (Artikolu 1886(b) tal-Kodici Civili), allura kwalunkwe arrangament li seta` kien hemm bejn in-Nutar Hayman u l-konvenuti fil-kuntest tat-thaddim ta` dan il-kont, spicca mal-mewt tan-Nutar Hayman, u l-konvenuti ma kellhomx aktar awtorizzazzjoni jagixxu anke f`isem l-eredi tal-kreditur l-iehor u jizbankaw kwazi l-flus kollha.*
>
> "*Barra minn dan, l-Artikolu 586 tal-Kodici Civili jiddisponi li hadd ma jista` jiddisponi minn flus jew xi haga ohra li jkunu jappartjenu lill-wirt, "hlief b`testment", u ghalhekk wara l-mewt tan-Nutar Hayman, sehemu minn dawk il-flus jew l-interess tieghu fil-kont bankarju ma setghux jigu irtirati jew imnehhija mill-konvenuti.*
>
> "*Din il-Qorti taghmilha cara li hi mhux qed tghid li l-eredi tan-Nutar Hayman ghandhom xi sehem minn dawk il-flus, izda li la darba l-kont huwa joint, prima facie in-Nutar Hayman kellu interess f`dak il-kont, u dak l-interess irid jigi likwidat in kontestazzjoni ma' l-eredi tieghu, u mhux jingieb fix-xejn b`azzjoni unilaterali tal-konvenuti.*

"Id-decide tas-sentenza kien ighid hekk :-

> " *… wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tordna lill-konvenut irodd is-somma ta` erbghin elf u hames mitt lira (Lm 40,500), flimkien ma' l-imghax fuqha minn dakinhar meta ngibdet sa dakinhar meta tintradd u bir-rata li tinghata fuq kontijiet savings, u tordna wkoll illi din is-somma terga` titqieghed minnufih fil-kont bin-numru 115-0858402-0 mal-Bank of Valletta p.l.c. jew, jekk dak il-kont inghalaq, f`kont iehor f`isem il-konvenut u l-atturi bhala l-werrieta tan-Nutar John Patrick Hayman, b`dan illi l-flus ma ghandhomx jingibdu mill-kont fejn jitqieghdu jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet jew b`ordni tal-Qorti.*

“Dan premess, il-Qorti tirrileva illi waqt l-analizi tal-provi akkwiziti, irrizultaw dawn il-kontijiet ta` depoziti fil-Bank of Valletta plc:-

“1) *Joint current account*: Nru 115 – 0858401 - 7
F`isem Edmond Espedito Mugliette u Dr John Hayman (fol 5);

“2) *Joint savings account*: Nru 115 – 0858402 – 0
F`isem Edmond Espedito Mugliette u Dr John Hayman (fol 6);

“3) *Current account*: Nru 115 - 00425080
F`isem Not Dr J P Hayman (fol 97);

“4) *Current account*: Nru 115 - 00425268
F`isem Not J P Hayman (Accounts) [fol 112];

“5) *Current account*: Nru 115 - 08579019
F`isem Nike Ventures Ltd (fol 228);

“6) *Savings account*: Nru 115 - 08579022
F`isem Nike Ventures Ltd (fol 244).

“Jirrizulta li l-*joint savings account* Nru 115 – 0858402 - 0 infetah minn Edmond Espedito Mugliette u Dr Hayman fit-18 ta` Frar 1995. Kif huwa evidenti mill-applikazzjoni, Dr Hayman indika l-istess indirizz tar-residenza ta` Mugliette. Dan il-fatt jispjega ghaliex l-istatements li kien jibghat il-bank dwar dak il-kont kienu jmorru ghand Mugliette. Il-Qorti m`ghandhiex prova li ghall-fini ta` dak il-kont, l-indirizz ta` Dr Hayman vis-a-vis l-bank qatt inbidel. Ebda rapprezentant tal-Bank of Valletta plc ma tressaq bhala xhud.

“Fuq l-iskorta tac-cheques li kienu pprezentati, jirrizulta li l-*current account* Nru 115 - 00425080 attestanti Dr Hayman kien il-kont li kien juza ghax-xoghol notarili tieghu waqt li l-*current account* Nru 115 - 00425268 kien l-kont personali ta` Dr Hayman.

“Jidher ukoll li Nike Ventures Ltd kellha zewg kontijiet. Ghalkemm jirrizulta notament fl-istatement li hemm ezebit a fol. 244 li jghid: *This account closed in Feb 199 I do not know why.,* kif jirrizulta aktar `l fuq kien hemm kont iehor fejn Mugliette seta` jiddepozita r-rikavat tal-bejgh. Ghalhekk il-Qorti tiddubita mill-ispjegazzjoni li ta l-attur meta qal li kellu ta` bilfors jiddepozita r-rikavat tal-bejgh tal-fond de quo fil-*joint account* ghaliex il-kont tal-kumpanija kien maghluq. Kif rajna l-attur seta` effettwa d-depozitu fil-kont l-iehor ta` Nike Ventures Ltd li kellu n-nru 1508579019.

“Dak li din il-Qorti ghandha tqis huwa x`sar mir-rikavat tal-bejgh tal-immobbli tas-Siggiewi li sar fil-14 ta` Marzu 2001. Mid-dokument li kien esebit a fol 13, jirrizulta li fl-14 ta` Marzu 2001, kien depozitat l-ammont ta` Lm 53,000 fil-*joint savings account* fuq riferit. Minn dak il-kont saru zbanki fl-ammont ta` madwar Lm 14,000 fil-perijodu ta` bejn il-21 ta`

Marzu 2001 u d-19 ta` April 2001, sakemm sar l-ahhar zbank ta` Lm 40,500 fil-24 ta` April 2001. Kif jidher mill-kuntratt ta` bejgh esebit, il-proprjeta` tas-Siggiewi nbieghet ghal Lm 45,000.

"Dwar Nike Ventures Limited jirrizulta li kien registrata fis-6 ta` Jannar 1995; Edmond Espedito Mugliette kellu 499-il *share* waqt li Dr Hayman kellu *share* wiehed. L-uniku direttur kien Mugliette; Dr Hayman kien is-segretarju tal-kumpanija. Fit-22 ta` April 2001, is-*share* li kellu Dr Hayman kien trasferit lill-attrici Maria Theresa Mugliette.

"Li kieku kellha twarrab fil-genb kull prova li ressqu l-partijiet, fi process li fit-totalita` tieghu skonfina bil-qabda l-hames mitt (500) pagna, il-Qorti ssib li jekk toqghod biss fuq l-intestazzjoni tal-kont, issib li dak il-kont ma jistax ikun ta` Nike Ventures Limited ghaliex l-*account holders* kienu l-attur Mugliette u Dr Hayman de proprio.

"Jirrizulta wkoll evidenti mill-provi illi mill-*current account* ta` Dr Hayman wahdu kien ikun hemm caqlieq ta` flus ghall-*joint accounts.* Infatti - Dicembru 1997 - kienu zbankati Lm 17,000 mill-kont personali ta` Dr Hayman (fol 140) ghall-*joint current* fl-istess data (fol 8).

"Sabiex Il-Qorti setghet taghmel dak li stednewha taghmel il-konvenuti (ara s-sottomissjonijiet tal-ahhar) u cioe` li kien qed ikun hemm caqlieq ta` flus mill-kont personali ta` Dr Hayman ghall-*joint account,* kien hemm bzonn li jigu ezebiti aktar statements relattivi ghal kont personali tan-Nutar. Cio` nonostante, l-uniku wiehed prezentat kien dak a fol 139 – Dok RA 12.

"L-attur Mugliette ipprezenta (bhala prova) analizi tal-kont ta` Nike Ventures Ltd u tal-*joint account.*

"Il-Qorti tirrimarka illi ghalkemm fl-analizi tieghu l-attur irrefera ghal kont numru 11508584017, il-kont li fil-fatt kien qed jirreferi ghalih kien il-*joint account* l-iehor ossia 11508584020 ; jinghad dan ghaliex jekk wiehed jara l-ahhar *transactions* jigifieri mill-21 ta` Marzu 2001 `l quddiem isib li dawn huma kwazi identici ghal *transactions* li saru fl-istatment li jidher a fol. 13 tal-kont 11508584020 : l-unika haga hija li fir-rendikont li ghamel Mugliette ma nkludiex id-depozitu ta` Lm 53,000 u allura l-prezz tal-bejgh tal-proprjeta` tas-Siggiewi. Li juri l-attur Mugliette huwa li l-ispejjez medici ta` Dr Hayman kienu qed jithallsu mill-*joint account*; anke dan l-aspett jixhed aktar dawl fuq min kien jippossjedi l-*joint account.*

"Il-Qorti tithasseb ukoll meta tara illi l-prokura ta` Dr Hayman favur l-attur Mugliette saret fil-14 ta` Marzu 2001: propju dakinhar li kellu jsir il-kuntratt tal-bejgh tal-proprjeta` tas-Siggiewi. Hija l-fehma meqjusa tal-Qorti li dik ma kenitx semplici koincidenza.

"Matul il-kawza kollha, kif rifless mit-talbiet, l-attur Mugliette jikkontendi illi z-zewg joint accounts kienu tal-atturi.

"Fir-rikors guramentat huwa premess illi *l-flus li dahlu u gew irtirati kienu tal-atturi personalment jew tas-socjeta` attrici esklussivament*; ghalkemm ftit qabel fit-tieni paragrafu tar-rikors guramentat, jinghad illi bil-kemm kien isir uzu ta` dawk il-kontijiet mill-attur Mugliette : `*Illi dawn iz-zewg kontijiet ma kinux jintuzaw wisq mill-attur …*`

"Kien jinkombi fuq Mugliette li jaghmel il-prova ta` dak dikjarat minnu taht gurament u cioe` illi l-flus li kienu jigu depozitati fil-*joint accounts* kienu jappartjenu jew lill-konjugi Mugliette de proprio jew lil Nike Ventures Limited. Bl-istess mod illi l-attur ipprova illi huwa ghamel depozitu ta` Lm 37,333 fil-*joint account*, l-istess jista` jinghad ghad-depozitu ta` Lm 17,000 li kien trasferit mill-kont personali ta` Dr Hayman ghall-*joint account.* Jekk hemm cheques li hargu mill-*joint account* favur Mugliette, daqstant iehor hemm cheques li hargu minn dak il-kont favur Dr Hayman.

"Il-konvenuti jikkontendu li l-flus li kien hemm fil-kontijiet kienu jappartjenu esklussivament lil Dr Hayman (ara l-ahhar eccezzjoni taghhom). Anke hawn kien jinkombi fuq il-konvenuti l-piz tal-prova tal-allegazzjoni taghhom, tenut kont tan-natura tat-talbiet attrici.

"Diga` kien rilevat illi l-konvenuti pprezentaw *bank statement* wiehed tal-kont personali ta` Dr Hayman; dak id-dokument – hekk isolat - mhuwiex ta` konfort ghall-Qorti. Dak li ttentaw jaghmlu l-konvenuti huwa li juru li kull darba li kien isir kuntratt minn Nike Ventures Limited, kien ikun hemm hlas li kien ssir anke minn Dr Hayman ghalkemm ma kienx jidher bhala akkwirent jew venditur. Huwa risaput illi meta jkun hemm kuntratt, mhijiex l-ewwel darba illi n-nutar permezz ta` cheque tieghu li hafna drabi jkun *clients account*, ihallas l-insinwa u l-boll; dak pero` jsir wara li hu jkun thallas mill-klijent. Ghalhekk ghalkemm il-konvenuti pprezentaw kopji ta` cheques ta` Dr Hayman u rabtuhom mad-diversi kuntratti, dak mhux bilfors ifisser jew iwassal ghall-prova jew ghall-konkluzjoni li kien hu li kien qed jakkwista wkoll flimkien ma' Nike Ventures Limited.

"Il-Qorti semghet *viva voce* kemm ix-xiehda tal-attur Mugliette, kif ukoll il-kontroezami – trid tghid – incisiv u serrat – tieghu. Huwa evidenti li l-partijiet hargu b`verzjonijiet li kienu totalment opposti ghal xulxin; bl-applikazzjoni tad-direzzjonijiet gurisprudenzjali fuq citati, huwa vitali ghall-Qorti illi fil-meandri tal-verzjonijiet hekk konfliggenti tfittex il-verzjoni tal-fatti l-aktar attendibbli u affidabbli skont il-mizura tal-bilanc ta` l-probabilitajiet.

"Apparti l-kumpless tal-provi xi mindaqqiet bil-*chiar` oscuro* taghhom, dawk li huma tassew rilevanti ghall-fini tal-bilanc tal-probabilitajiet huma:-

"i) Hemm ammissjoni da parti tal-attur Mugliette fir-rikors guramentat li huwa bil-kemm kien juza l-kontijiet bankarji inkwistjoni;

"ii) Hemm il-prova li kemm Mugliette kif ukoll Dr Hayman ittrasferew flus mill-kontijiet personali taghhom ghall-kontijiet inkwistjoni;

"iii) Ir-rikorrent ddepozita r-rikavat tal-bejgh fuq rifeit fil-joint account ghalkemm il-kumpanija kellha kont taghha iehor fejn Mugliette seta` ddepozita l-flus u cioe` dak bin-nru 11508579019;

"iv) Minn dan l-kont kongunt kienu qed jithallsu l-ispejjez medici tan-Nutar Hayman;

"v) Il-joint account kien intestat lil Mugliette u Dr Hayman; ghandu jigi applikat il-principju: *contra scriptum testimonium non fertur.*

"Il-Qorti hasbet fit-tul qabel waslet ghad-decizjoni taghha. Fl-istess waqt hija serena u moralment certa li l-*joint accounts* inkwistjoni bil-flus li kien hemm depozitati go fihom kienu jappartjenu inkwantu ghal nofs lill-atturi konjugi Mugliette u inkwantu ghan-nofs l-iehor lin-Nutar Dr. John Hayman li tieghu l-konvenuti huwa l-eredi intestati".

Rat ir-rikors tal-appell ta' Edmond Espedito Mugliette f'ismu proprio u f'isem Nike Ventures Limited u Maria Therese Mugliette, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza parzjali u s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti fil-15 ta' Settembru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tirrevoka s-sentenzi inkwantu laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, anke dawk in parte u minflok tichad l-istess eccezzjonijiet u tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez taz-zewg istanzi.

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenuti appellati kollha li permezz taghha talbu li l-appell interpost jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat li d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell quddiem din il-Qorti, waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2019, meta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza titratta kont komuni miftuh f'isem l-attur appellant Edmond Espedito Mugliette u f'isem in-Nutar Dottor John Hayman, l-awtur tal-konvenuti appellati. In-nutar John Hayman miet fit-23 ta' April, 2001, u l-konvenuti huma l-werrieta *ab intestato* tieghu. L-ghada li miet in-nutar Hayman, l-attur Edmond Mugliette zbanka l-parti kbira tal-flus (Lm40,500) mill-kont komuni tal-bank numru 115-0858402-0 u halla bilanc ta' Lm18 biss. Rilevanti huwa l-fatt li, din il-Qorti permezz tas-sentenza taghha tas-27 ta' Gunju, 2008, kellha okkazjoni tiddeciedi kawza ohra bejn uhud mill-kontendenti fil-kawza, fejn ikkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Gunju, 2006, fis-sens illi ordnat lill-konvenut (Edmond Espedito Mugliette attur f'din il-kawza) sabiex irodd lura s-somma zbankata minnu, bl-imghax minn dakinhar li ngibdet sa dakinhar meta tintradd u bir-rata li tinghata fuq kontijiet *savings*. Ordnat ukoll li din is-somma (fi flus ewro ekwivalenti ghal dawk liri Maltin), titqieghed lura fil-kont inkwistjoni, b'dan illi l-flus m'ghandhomx jingibdu mill-kont jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet jew b'ordni tal-Qorti. Ghalhekk saret din il-kawza

sabiex jigi dikjarat mill-Qorti li dan il-kont, flimkien ma' kont iehor kurrenti bin-numru 115-085840201-7, ukoll intestat f'isem Mugliette u Hayman, jigu dikjarati bhala jappartjenu lill-atturi flimkien esklussivament jew *in subsidum* tiddikjara lil min jappartjenu dawn il-flus, permezz ta' likwidazzjoni u konsegwentement tawtorizza lill-atturi jizbankaw il-flus mill-imsemmija kontijiet bankarji.

Da parti taghhom il-konvenuti appellati ressqu diversi eccezzjonijiet, fosthom in-nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris* stante li l-uniku bilanc fl-imsemmija kontijiet huwa ta' Lm18; li s-socjetà Nile Ventures Limted m'ghandha ebda interess guridiku; illi t-talbiet attrici huma nsostenibbli u legalment improponibbli ladarba l-attur Edmond Espedito Mugliette kien zbanka l-parti kbira mill-flus fl-istess kont, qabel ma ntavola din il-kawza u qatt ma rrifonda l-flus kif ordnat li jaghmel minn din il-Qorti; kwindi jehtieg li l-atturi l-ewwel jirreintegraw il-kontijiet bankarji mertu tal-kawza bil-flus kollha; u li fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal dak premess, l-allegazzjoni li l-flus li kien hemm depozitati fl-istess kontijiet bankarji huma esklussivament tal-atturi hija kkontestata minnhom, peress li ghall-kuntrarju jqisu li l-imsemmija kontijiet kienu jappartjenu esklussivament lill-istess Nutar John Hayman.

Permezz tas-sentenza taghha tad-29 ta' Ottubru, 2009, l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar l-inkompetenza *ratione*

*valoris*, filwaqt li permezz tas-sentenza taghha tal-15 ta' Settembru, 2014, laqghet it-tielet eccezzjoni u laqghet parzjalment ir-raba', il-hames u s-sitt eccezzjonijiet u riferibilment ghall-ewwel talba attrici ddikjarat li l-flus fl-imsemmija kontijiet bankarji jappartjenu inkwantu ghal nofs lill-atturi Edmond Espedito u Maria Therese konjugi Mugliette u inkwantu ghan-nofs l-iehor lill-eredi ntestati tan-nutar Dottor John Hayman. Kwindi wara li l-atturi jottempraw ruhhom mas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Gunju, 2008, il-flus depozitati jkunu jistghu jigu zbankati inkwantu ghal nofs mill-atturi Edmond Espedito u Maria Therese konjugi Mugliette u inkwantu ghan-nofs l-iehor mill-eredi intestati tan-nutar Dottor John Hayman u li l-izbank minn parti jew minn ohra jkun jista' jsir minghajr kunsens jew intervent tal-parti l-ohra. B'dan illi ordnat ukoll li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

L-atturi hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u interponew l-appell in ezami li fih jigu elenkati sittax-il raguni. Tajjeb izda li jigi precizat mal-ewwel li kif osservat mill-konvenuti appellati fir-risposta taghhom, huwa mill-aktar inkongruwu li l-atturi appellanti qeghdin jappellaw (minghajr ma jissostanzjaw permezz ta' raguni) mis-sentenza parzjali tad-29 ta' Ottubru, 2009, fejn l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar l-inkompetenza ratione valoris. Li kieku l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, l-kawza quddiem dik il-Qorti kienet tieqaf hemm. Izda ladarba l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-

konvenuti *ratione valoris,* dan ifisser li l-atturi ressqu l-azzjoni taghhom quddiem il-Qorti kompetenti u kwindi ma jaghmel ebda sens li l-atturi jaghmlu appell mis-sentenza preliminari inkwistjoni, li giet deciza favur taghhom! Fi kwalunkwè kaz, din il-Qorti ma tarax il-htiega li tiddilunga aktar fuq dan il-punt.

Inkwantu ghar-ragunijiet elenkati bhala aggravji fil-konfront tas-sentenza tal-ewwel Qorti tal-15 ta' Settembru, 2014, jigi nnutat li dawn ir-ragunijiet fil-fehma ta' din il-Qorti, lkoll jippernjaw ruhhom fuq raguni ewlenija dik dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Jigi ribadit kif inghad diversi drabi ohra, li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti.

Maghmul dan il-punt imiss li jigu indirizzati l-punti elenkati mill-atturi appellanti bhala r-ragunijiet li ghalihom ressqu l-appell in ezami. L-ewwel raguni li tinghata hija proprju li l-ewwel Qorti naqset li tapprezza l-provi meta kienet fuq inizjattiva tal-istess Qorti li talbet diversi dokumenti u informazzjoni rigward is-socjetà Nike Ventures Limited.

Jibda billi jigi osservat li, ladarba s-socjetà Nike Ventures Limited kienet wahda mill-partijiet fil-kawza li ressqet il-pretensjonijiet taghha fuq l-ammont ta' flus mizmuma fil-kont komuni in kontestazzjoni, huwa al kwantu logiku li jitressqu l-provi kollha mehtiega, inkluz dokumenti u dan sabiex issostni l-pretensjonijiet taghha. Fin-nuqqas, il-Qorti ghandha kull dritt li titlob kull prova mehtiega sabiex tasal ghal konkluzjoni dwar il-pretensjonijiet tal-kontendenti fil-kawza quddiemha. Huwa principju baziku li min jallega jrid jipprova – *qui allegat probat*. Tajjeb li jigi nnutat ukoll li l-obbligu tal-prova ta' fatt jmiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li l-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li parti tista' ggib (Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Gunju, 1953 fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Joseph Hili**, insibu: "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah* - "*ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*". Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal ghad-decizjoni taghha fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur lahaq l-oneru tal-prova mitfugh fuqu.

Fil-kaz in ezami, il-kont bankarju inkwistjoni, jghajjat lil tnejn minn nies, wiehed l-attur Edmond Espedito Mugliette u l-iehor in-Nutar John

Hayman (illum mejjet). Kif osservat mill-ewwel Qorti fil-kawza fl-ismijiet inversi (Citazzjoni numru 1059/2003) l-intestatura tal-kont, fih innifsu johloq prezunzjoni li dawk iz-zewg persuni ghandhom interess f'dak il-kont u li huma titolari tieghu. Din il-prezunzjoni tista' tingheleb biss billi jitressqu provi li juru mod iehor u ghalhekk huwa al kwantu logiku li l-Qorti f'din il-kawza talbet li jitressqu l-provi kollha in sostenn tal-pretensjonijiet attrici. Kwindi din il-Qorti qajla tista' tifhem ir-ragunament wara dan l-ewwel punt tal-appellanti. Inkwantu ghall-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, tajjeb jinghad li minn qari tas-sentenza appellata, jirrizulta pjuttost car li l-ewwel Qorti stharrget fid-dettal il-provi in atti quddiemha u fin-nuqqas ta' spjegazzjoni cara fl-ewwel punt tal-aggravju tal-atturi appellanti, din il-Qorti ma tarax li ghandha toqghod tixtarr dan l-ilment generiku f'dan l-istadju, izda ser tghaddi sabiex tistharreg l-ilmenti l-ohra tal-appellanti.

It-tieni punt huwa li l-istess kumpanija li c-cekk kien intestat lilha, hija l-istess kumpanija li fl-istess gurnata gie depozitat ic-cekk intestat lilha, wara li sar kuntratt pubbliku li jinsab ezebit in atti.

Filwaqt li huwa minnu li mar-rikors promotur jinsab esebit il-kuntratt ta' bejgh tal-fond tas-Siggiewi datat 14 ta' Marzu, 2001, li bih is-socjetà attrici appellanti Nike Ventures Ltd. ittrasferiet l-imsemmija proprjetà favur Martin Nicholas u Maria Tania konjugi Lacklison ghall-prezz ta' Lm

45,000, l-attur jikkontendi li c-cekkijiet fuq l-imsemmi kuntratt saru favur is-socjetà Nike Ventures Limited li dehret bhala venditrici fuq l-imsemmi kuntratt ta' bejgh. Madankollu l-attur jikkontendi li meta fl-istess gurnata mar biex jiddepozita l-ammont fil-kont tal-kumpanija, il-kaxxier qallu li l-kont kien maghluq u din kienet ir-raguni ghala d-depozitu sar fis-*savings account* li hu kellu ma' Dr Hayman. Apparti li ma tressaq ebda xhud mill-bank sabiex jikkorrabora l-verzjoni tal-attur dwar il-kont "*maghluq*" ta' Nike Ventures, kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, is-socjetà Nike Ventures Limited kellha kont iehor mal-istess bank, allura bilfors wiehed jistaqsi kif il-flus ma gewx depozitati fil-kont l-iehor tas-socjetà attrici, izda f'dak il-kont komuni man-Nutar John Hayman. Ladarba l-flus dahlu fil-kont komuni, din il-Qorti tirribadixxi li l-attur Edmond Espedito Mugliette ma kellu ebda setgha li jizbanka unilateralment dawk il-flus wara l-mewt tal-imsemmi nutar.

It-tielet punt fir-rikors tal-appell huwa li l-kumpanija Nike Ventures Limited zgur li ghandha interess guridiku peress li dawn il-flus li gew depozitati fil-kont komuni, kienu jappartjenu esklussivament lilha.

Hawn ukoll din il-Qorti ma ssibx li l-argument tal-appellanti ghandu mis-sewwa, ladarba l-kawza titratta kont komuni li jghajjat lil tnejn min-nies ohra, ma tarax kif jista' jregi l-argument tas-socjetà Nike Ventures Limited skont ir-rekwizit tal-interess li trid il-ligi. Il-fatt li l-fondi in kontestazzjoni

ma gewx depozitati f'wiehed mill-kontijiet tas-socjetà attrici, li xi whud mill-imsemmija fondi skont l-appellant Mugliette ntuzaw ghall-kura medika tal-istess nutar u li thallew fil-kont komuni sakemm gie nieqes in-nutar jikkontrastaw ferm it-tezi tal-appellanti li dawn il-fondi jappartjenu esklussivament lis-socjetà Nike Ventures Limited. Hekk ukoll il-fatt li wara l-mewt tan-nutar, meta gew zbankati l-flus mill-kont komuni, l-istess fondi ma jirrizultax li dahlu fil-kont tas-socjetà attrici jikkontrasta ferm mat-tezi tal-appellanti. Kien tassew jispetta lill-atturi jippruvaw li dawn il-fondi kienu jappartjenu lis-socjetà attrici, izda din il-Qorti ma tinsabx konvinta minn din it-tezi tal-appellanti.

Dan apparti li l-kawza odjerna hija konsegwenza tal-kawza Cit. Nru. 1059/2003 fejn il-partijiet kienu Edmond Espedito Mugliette u martu Maria Therese Mugliette u l-konvenuti tal-lum. Is-socjetà Nike Ventures Limited qatt ma kienet parti u lanqas ma kienet ikkjamata f'dik il-kawza. Kwindi din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fid-decizjoni tal-ewwel Qorti li tilqa' t-tielet eccezzjoni.

Ir-raba' u l-hames punti jistghu jigu trattati f'daqqa fis-sens li jinghad li l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-provi prodotti quddiemha fis-sens li bejn l-appellant Edmond Espedito Mugliette u n-nutar John Hayman kien hemm hbiberija u fiducja kbira u dan kif jirrizulta mix-xhieda tal-istess konvenuti appellati. Tant hu hekk li, l-appellanti jsostnu li Edmond

Mugliette kellu prokura tan-nutar u ma kellu ghalfejn jaghmel xejn bil-mohbi u l-intiza kienet li huwa jiehu hsieb kollox wara li n-nutar jigi nieqes. Jinghad li probabilment in-nutar ukoll kellu prokura ta' Mugliette u kienet din il-fiducja reciproka li wasslet lil Mugliette jiddepozita c-cekk ta' Nike Ventures Limited fil-kont komuni li kellu man-nutar.

Din il-Qorti m'ghandha ebda raguni li tiddubita li l-ewwel Qorti apprezzat sew ir-relazzjoni ta' hbiberija u fiducja bejn l-attur Edmond Espedito Mugliette u n-nutar John Hayman, tant li mis-siltiet tax-xhieda msemmija minnha jinghad diversi drabi li l-attur Mugliette kien igawdi mill-fiducja tan-nutar Hayman.  Ara f'dan is-sens per ezempju x-xhieda tal-Magistrat Hayman, kif rapportata mill-ewwel Qorti:

> "… huma kienu hbieb ma' Mugliette u kienu jafdaw lil xulxin. Taf li zewgha u l-attur kienu jafu x`kien jaghmel l-iehor u dan ad esklussjoni taghha. …Ikkonfermat li **zewgha u Mugliette kienu hbieb kbar u kellhom negozju flimkien**. Zewgha kien jafda lil Mugliette fl-accounts; u d-diskors ta` zewgha dejjem kien illi jinqala x`jinqala kellha tistaqsi lil Mugliette".

Din ir-relazzjoni ta' hbiberija u fiducja mhix kontrastata lanqas mill-konvenuti.  Inoltrè jirrizulta li tabilhaqq in-nutar kien ghamel prokura favur l-attur, izda din il-Qorti bhal ta' qabilha tinsab imhassba li l-imsemmija prokura saret fl-istess gurnata tal-kuntratt li kellu jsir tal-bejgh tal-proprjeta` tas-Siggiewi. Din il-Qorti wkoll ma tahsibx li din kienet semplici koincidenza u ssib li dan il-fatt flimkien ma' diversi provi ohra migbura in atti, kuntrarjament ghal dak li jinghad minn Mugliette, hu u n-nutar apparti

hbieb, kienu jaghmlu negozju ta' proprjetà flimkien. Sa fejn l-attur appellant isostni li huwa wkoll kellu prokura favur in-nutar, dan ma jirrizultax mill-atti u din il-Qorti mhix tenuta taghti piz lil din l-allegazzjoni li saret f'dan l-istadju tal-kawza u li ma tinsabx korroborata mill-provi in atti.

Fis-sitt punt jinghad li l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-provi mressqa fis-sens li kien l-appellant Mugliette li "*primarjament*" jaghmel uzu mill-kont komuni u kien hallas medicinali li kellu bzonn in-nutar fil-perjodu tal-marda tieghu. Filwaqt li hu ha hsieb ihallas l-ispejjez medici, l-familjari hadu l-flus li kien tahom in-nutar qabel ma gie nieqes u dan skont l-appellanti peress li n-nutar kien konsapevoli tal-problemi li kienu ser jinqalghu wara li jigi nieqes, mal-erarju pubbliku minhabba djun li kien hemm.

Tabilhaqq ghandhom ragun il-konvenuti appellati li l-atturi appellanti biddlu diversi drabi l-verzjoni taghhom dwar dan il-kont, fejn fir-rikors promotur inghad li l-attur ma kienx jaghmel wisq uzu mill-imsemmi kont, u li n-nutar Hayman ma kien jaghmel ebda uzu mill-imsemmi kont, filwaqt li mbaghad inghad li jista' jkun li n-nutar Hayman gieli ghamel uzu minn dak il-kont, filwaqt li issa jinghad li "primarjament" kien juzah l-attur appellant Mugliette. Ovvjament relevanti f'dan il-kuntest hija l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti fejn irriskontrat okkazzjoni partikolari fejn sar caqliq mill-kont tan-nutar Hayman, ghall-kont komuni ta' Lm17,000 fl-istess gurnata, (l-1 ta' Dicembru 1997, kif jirrizulta mir-

rendikont a fol. 8 u fol. 140 tal-process), li certament mhix somma insinifikanti.

Punt iehor relevanti huwa ladarba Mugliette kellu prokura tan-nutar, kif m'ghamilx uzu minnha sabiex juza fondi personali tan-nutar u minflok ghamel uzu minn dan il-kont komuni? Din il-Qorti ma ssib ebda twegiba ghajr illi n-nutar Hayman kellu sehem minn dak il-kont komuni u f'dak l-istadju kien hemm qbil ukoll bejn iz-zewg *account holders* li jintuzaw il-fondi tal-kont komuni ghar-ragunijiet li jithallsu l-ispejjez medici tan-nutar. Isegwi li lanqas dan l-ilment tal-atturi appellanti ma jregi.

Imiss li jigi trattat is-seba' ilment, dak fejn l-appellanti jikkontendu li l-ewwel Qorti naqset milli tipprovdi ghall-fatt li gialadarba l-kont kellu jinqasam fi tnejn, l-ispejjez li thallsu ghall-medicinali tan-nutar, ammontanti ghal madwar €14,000 kellhom jithallsu minn l-appellant Mugliette wkoll.

Din il-Qorti mhux ser tqis dan l-ilment ladarba ma tirrizulta ebda talba attrici f'dan is-sens u ma jkunx gust li titressaq sottmissjoni simili f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza.  Jinghad biss li kif rilevat mill-ewwel Qorti, hekk kif saru pagamenti favur in-nutar Hayman, daqstant iehor saru pagamenti mill-istess kont favur Mugliette. Din il-Qorti zzid li l-prezunzjoni hija li l-ispejjez u l-pagamenti li saru kienu bil-kunsens taz-zewg intestatarji tal-imsemmi kont.  Izda relevanti huwa l-punt li kull arrangement li seta' kien

hemm dwar l-imsemmi kont, spicca fil-mument li fih miet wiehed mill-intestatarji. Kif kellha okkazjoni tirrileva din l-istess Qorti fil-kaz relatat fl-ismijiet inversi (Cit. Nru. 1059/2003):

> "*Anke jekk bejn il-kredituri kienet tezisti s-solidarjeta` attiva, fit-termini ta' l-Artikolu 1090 tal-Kodici Civili, li tippermetti kreditur wiehed jitlob il-hlas tal-kreditu kollu, peress li, fis-sistema taghna, din is-solidarjeta` hi bazata fuq il-mandat reciproku (tant li tista' tigi terminata unilateralment minn wiehed mill-kredituri), u l-mandat jispicca mal-mewt tal-mandant jew tal-mandatarju (Artikolu 1886(b) tal-Kodici Civili), allura kwalunkwe arrangament li seta' kien hemm bejn in-Nutar Hayman u l-konvenuti fil-kuntest tat-thaddim ta' dan il-kont, spicca mal-mewt tan-Nutar Hayman, u l-konvenuti ma kellhomx aktar awtorizzazzjoni jagixxu anke f'isem l-eredi tal-kreditur l-iehor u jizbankaw kwazi l-flus kollha*".

Fit-tmien punt, jinghad mill-appellanti li l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza li meta wiehed ikun fic-cirkostanzi fejn habib tal-fiducja ta' sitta u tletin sena li qieghed fl-ahhar zmien ta' hajtu u n-nutar kien qieghed jara x'pendenzi ghandu u kif jista jhalli lil habib tieghu jsolvilu l-problemi.

Din il-Qorti ma tarax kif dan l-ilment jista' jbiddel xi haga mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Il-punt krucjali huwa li kemm l-ewwel kawza, kif ukoll il-kawza odjerna li hija konsegwenti ghaliha, jsegwu l-eghmil tal-attur fil-kuntest tal-kont komuni, wara l-mewt tal-istess nutar.

Id-disa' u l-ghaxar ilmenti tal-appellanti jistghu jigu trattati f'daqqa inkwantu wiehed jindirizza l-fatt li l-ewwel Qorti esprimiet ruhha dwar il-konflitt tal-provi mressqa mill-partijiet, li fil-fehma taghhom inholoq mid-

dettal zejjed li dahlet fih l-ewwel Qorti. Skont l-appellanti x-xhieda ta' Edmond Espedito Mugliette kienet preciza filwaqt li l-kaz tal-konvenuti jissejjes fuq suppozizzjonijiet, kwindi sar apprezzament zbaljat tal-provi, peress li l-ewwel Qorti ma tatx kaz tal-fatti u tranzazzjonijiet cari pprezentati u mfissra mill-appellant. L-ghaxar punt marbut ma' dak ta' qablu huwa li mill-provi prodotti u mit-testimonjanzi jinghad li jidher car li l-attur huwa kredibbli u li ma jhalli l-ebda dubbju li ma qalx il-verità peress li l-fatti kollha dikjarati minnu huma dokumentati u wiehed ma jistax jghid l-istess ghall-verzjoni moghtija mill-konvenuti.

Jigi ribadit li kif affermat mill-ewwel Qorti, huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna, li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Fir-rigward il-materja ta' provi, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**, fejn jinghad:

> "*a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu.* ***Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)*** *– Ara Vol. XLVI/i/5.*
>
> "*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
>
> "*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew*

*ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju inkwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

"*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)*"*;* (enfasi maghmul minn din il-Qorti).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, peress li l-kwistjoni in ezami hija purament wahda ta' apprezzament tal-provi, huwa essenzjali li dawn jigu meqjusa bl-akbar reqqa, biex jinghata lilhom dak il-piz li verament jimmeritaw. Kif inghad mill-ewwel Qorti, kien jispetta lill-atturi appellanti jipprovaw dak li kienu qeghdin jallegaw li l-fondi fil-kont komuni kienu jappartjenu esklussivament lill-atturi jew min minnhom. L-ewwel Qorti li kellha l-opportunità li tisma x-xhieda kollha, waslet ghall-konkluzjonijiet taghha li l-kontijiet komuni kienu jappartjenu lil attur Mugliette u n-nutar Hayman inkwantu ghal nofs kull wiehed, wara li qieset mill-aktar relevanti is-segwenti provi li fuqhom strahet sabiex waslet ghal decizjoni:

"*i) Hemm ammissjoni da parti tal-attur Mugliette fir-rikors guramentat li huwa bil-kemm kien juza l-kontijiet bankarji inkwistjoni;*

> “*ii) Hemm il-prova li kemm Mugliette kif ukoll Dr Hayman ittrasferew flus mill-kontijiet personali taghhom ghall-kontijiet inkwistjoni;*
>
> “*iii) Ir-rikorrent ddepozita r-rikavat tal-bejgh fuq rifeit fil-joint account ghalkemm il-kumpanija kellha kont taghha iehor fejn Mugliette seta` ddepozita l-flus u cioe` dak bin-numru 11508579019;*
>
> “*iv) Minn dan l-kont kongunt kienu qed jithallsu l-ispejjez medici tan-Nutar Hayman;*
>
> “*v) Il-joint account kien intestat lil Mugliette u Dr Hayman; ghandu jigi applikat il-principju: contra scriptum testimonium non fertur*”.

Konsidrati mill-gdid dawn il-provi, li huma fattwali u mhux kongetturali, din il-Qorti ma ssib xejn irragjonevoli fl-uzu tad-diskrezzjoni u fil-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti. Ladarba s-sentenza appellata hija debitament motivata u sostanzjata bi provi, li wasslu lill-ewwel Qorti ghal konkluzjoni logika, din il-Qorti ma tara ebda htiega li tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti.

Fl-ilment numru hdax, l-atturi appellanti jsostnu li l-verzjoni tal-konvenuti li s-socjetà Nike Ventures Limited kienet biss *prestanome* sabiex in-Nutar ikun jista’ jevadi t-taxxa u jippubblika l-kuntratti tieghu stess, turi n-nuqqas ta’ rispett li ghandhom lejn l-istess nutar. Apparti l-fatt li ghalkemm in-nutar kellu xi arretrati ta’ taxxa, huwa ma kellux ghalxiex jinkwieta peress li kellu flus bizzejjed biex jaghmlu tajjeb.

Ghandu jinghad mal-ewwel li dan l-ilment huwa al kwantu fieragh, peress li wara li din il-Qorti rat l-inkartament voluminuz, imkien ma rrizulta dak li jinghad mill-atturi, fis-sens li nghad li n-nutar kellu l-hsieb li juza s-socjetà Nike Ventures bl-iskop li jippubblika l-kuntratti tieghu stess jew li jevadi t-taxxa. Mhux kontestat mill-atturi li sal-gurnata tal-mewt tieghu, n-nutar kellu sehem, ghalkemm minuri fis-socjetà Nike Ventures Limited, kwindi huwa lecitu jinghad li n-nutar kellu interess fin-negozju tas-socjetà Nike Ventures Limited. Kummenti ohra huma superfluwi u kongetturali.

L-ilment numru tnax jitratta li mkien ma jidher li n-nutar kien proprjetarju tal-fondi li jappartjenu lil Nike Ventures Limited u li n-nutar bhala professjonist seta' facilment jissalvagwardja l-interessi tal-familja tieghu. Dan jinghad ukoll fil-kuntest li skont l-attur appellant is-*share transfer* tan-nutar kien allegatament iffirmat min-nutar sa minn meta giet inkorporata s-socjetà Nike Ventures Limited. Dan fil-fehma taghhom juri bic-car li n-nutar ried jissalvagwardja l-interessi tal-attur.

Jibda billi jigi osservat li l-kwezit dwar il-proprjetajiet l-ohra akkwistati minn Nike Ventures Limited, ghalkemm tressqu bosta provi fir-rigward, jaqghu lil hinn mill-parametri tal-azzjoni attirici li hija wahda dwar il-kontijiet komuni bejn Mugliette u n-nutar Hayman. Madankollu din il-Qorti tifhem l-iskop wara tali stharrig, sabiex wiehed jipprova jasal ghall-*modus operandi* ta' Mugliette u Hayman, specjalment fil-konfront tal-fondi tal-

kontijiet komuni. Izda din il-Qorti mhux ser tinoltra ruhha dwar x'sehem seta' kellu n-nutar fil-kuntest ta' diversi proprjetajiet akkwistati minn Nike Ventures Limited. Dan meta wiehed jikkonsidra li fil-verità il-pern tal-kwistjoni hija l-fondi fil-kontijiet komuni, u li f'dan il-kaz huma biss il-fondi provenjenti mill-bejgh tal-proprjetà fis-Siggiewi, tal-kuntratt tal-14 ta' Marzu, 2001, li jistghu jkollhom relevanza ghall-finijiet tal-kawza odjerna.

Dwar is-sehem tan-nutar fis-socjetà Nike Ventures Limited u b'rabta mal-punti precedenti dwar il-kredibbilità tax-xhieda, tajjeb li jigi rilevat li ghalkemm originarjament l-attur xehed li huwa kellu 499 ishma u li s-sehem l-iehor kien tal-mara, illum tat-tfal u baqa' jinsisti dwarha, kien wara kontro-ezami serrat li l-attur Mugliette kkonceda li dak is-sehem kien originarjament tan-nutar. Dan l-episodju tabilhaqq jitfa' dell fuq il-kredibbilità tal-attur, specjalment meta wiehed jikkonsidra kif sehh it-trasferiment ta' dak is-sehem tan-nutar, u cioè formula li ntliet fil-gurnata ta' qabel ma miet in-nutar (fit-22 ta' April, 2001) u li giet ipprezentata lill-MFSA wara li miet in-nutar (ara dokument a fol. 74 tal-process). Kwindi ghajr ghall-kelma tal-attur, din il-Qorti ma tara li hemm ebda prova dwar meta effettivament giet iffirmata s-*share transfer.* Sfortunatament l-unika persuna l-ohra li setghet tikkonferma jew tichad dan m'ghadhiex maghna.

It-tlettax-il punt jitratta l-flus li jinghad kien jghaddu minn kont ghal iehor fil-gurnata tal-kuntratt meta kienet u ghadha prattika komuni li d-depozitu fuq konvenju jithalla man-nutar. Jinghad li din il-prassi kienet aktar

komuni fiz-zmien qabel ma dahlet il-ligi li konvenju kellu jigi registrat mad-Dipartiment tat-Taxxa. Ghalkemm l-ewwel Qorti ppruvat taghmel analizi ta' dan il-fatt, l-atturi appellanti jinsistu li huwa impossibbli li ssir *audit trail* jekk ma jkollokx in-nutar li ghamel dawn it-transazzjonijiet, kopja tal-konvenju u/jew il-partijiet li kienu prezenti.

Filwaqt li din il-Qorti taqbel mal-atturi appellanti li konsidrat in-nuqqas tax-xhieda tan-nutar Hayman, in-nuqqas li jigu esebiti l-konvenji relattivi, u n-nuqqas li jitressqu bhala xhieda n-nies l-ohra li kienu jidhru fuq il-konvenji jew kuntratti, jaghmilha difficli sabiex wiehed jaghmel *audit trail,* madankollu jibqa' l-fatt inkonfutabbli li kienu jghaddu fondi minn kont ghal iehor. Li kieku s-sentenza appellata kienet ibbazata biss fuq il-fatt li fil-granet li jsiru l-kuntratti tas-socjetà Nike Ventures Limited kienu jsiru trasferimenti mill-kont personali tan-nutar, forsi wiehed jasal li jghid li dan il-fatt wahdu mhux bizzejjed bhala prova, izda kif inghad qabel, id-decizjoni tal-Qorti hija bbazata fuq provi ohra li wassluha ghall-konvinciment taghha. Kwindi dan l-ilment fih innifsu ma jistax jaghti lill-appellanti r-rizultat mixtieq minnhom.

Fl-erbattax-il punt jinghad li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tiskarta x-xhieda tal-attur appellant meta qaghad ghal dak kollu li talbet l-ewwel Qorti u fejn ma kienx jaf qal dan fil-miftuh, mentri jinghad minnu li mhux l-istess jista'

jinghad mill-konvenuti li ppruvaw jaqtghu x'seta' gara peress li ma kienu jafu xejn dwar il-hajja u l-professjoni tan-nutar.

Hawn ukoll din il-Qorti ssib dan ir-ragunament tal-atturi appellanti bhala frivolu, mhux biss peress li l-ewwel Qorti kkonsidrat bir-reqqa l-provi kollha mressqa mill-partijiet, izda rrapurtat estensivament mix-xhieda moghtija mill-attur. Hekk ukoll, kif ikkonstatat mill-ewwel Qorti, kien jispetta lill-atturi jippruvaw li l-flus depozitati fil-kontijiet komuni kienu jew jappartjenu lill-konjugi Mugliette *propio* jew lil Nike Ventures Limited, prova li ma saritx b'tali mod li tikkonvinci lill-ewwel Qorti, daqstant osservat li kien jinkombi lill-konvenuti jippruvaw dak allegat minnhom li l-fondi kienu jappartjenu esklussivament lin-nutar Hayman. Izda lanqas dan l-argument ma kkonvinca lill-ewwel Qorti. Kwindi konsidrati l-provi kardinali elenkati qabel, hija wasslet ghall-konvinzjoni li l-kontijiet komuni kienu jappartjenu lin-Nutar Hayman u lil Mugliette kwantu ghal nofs kull wiehed. Din il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti.

L-ilment numru hmistax fl-appell tal-atturi jitratta l-punt li ghalkemm il-kont komuni kien isejjah lill-attur Mugliette u lin-nutar Hayman, kellu jirrizulta b'mod car lill-ewwel Qorti li l-flus mertu ta' din il-kawza kienu provenjenti minn kuntratt ta' bejgh li sar mis-socjetà Nike Ventures Limited u li dan il-kont dejjem kien gestit mill-istess Mugliette. Kwindi l-prezunzjoni *iuris tantum* li l-kont komuni kien jappartjeni lil Mugliette u l-eredi tan-nutar

b'mod kunguntiv ma jregix peress li l-provi kellhom juru lill-Qorti mod iehor u ghalhekk ukoll jinghad li ma sarx apprezzament xieraq.

Skont l-Iskeda Numru 4 (fol. 234 tal-process) ipprezentata mill-attur dwar il-proprjetà fi Triq id-Dejqa, Siggiewi, din il-proprjeta kienet giet akkwistata mis-socjetà Nike Ventures Limited, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar John Hayman fid-29 ta' Ottubru, 1997, ghall-prezz ta' Lm42,500. L-attur jikkoncedi li n-nutar kien hareg Lm4,000 bhala depozitu u Lm420 bhala senserija, izda skont l-istess attur, dawn l-ammonti ma gewx rifuzi lin-nutar peress li huwa kien ihallas il-paga kollha tas-segretarja. Filwaqt li s-socjetà Nike Ventures Limited hallset lill-bejjiegh il-bilanc tal-prezz. Min-naha l-ohra l-istess dar inbieghet minn Nike Ventures Limted fl-14 ta' Marzu, 2001, meta allura n-nutar kien marid serjament u l-kuntratt gie ppubblikat min-nutar Mary Grech Pace. Ir-rikavat mill-bejgh ta' Lm53,000 gie depozitat fil-kont komuni bejn l-attur u n-nutar. Ghalkemm il-kuntratt ta' bejgh tal-proprjetà fi Triq id-Dejqa, Siggiewi esebit in atti jiddikjara li l-prezz ta' bejgh tal-proprjetà kien ta' LM45,000 (Dok. B fol. 25), effettivament mir-rendikont tal-kont komuni jirrizulta li fl-14 ta' Marzu, 2001, gew depozitati Lm53,000 (ara fol. 13).

Il-fatt li kont komuni huwa ntestat favur l-attur Edmond Espedito Mugliette u n-Nutar John Hayman johloq prezunzjoni *iuris tantum* li dawn it-tnejn min-nies kellhom sehem u interess f'dawn il-kontijiet komuni. Minkejja li

l-kuntratt ta' bejgh tal-proprjetà fis-Siggiewi sar mis-socjetà Nike Ventures Limited, din il-Qorti, bhal ta' qabilha ma tinsabx konvinta li l-atturi rnexxielhom jeghlbu l-prezunjoni *iuris tantum* bi provi tali li jikkonvincuha li effettivament dawk il-fondi kellhom jigu rifuzi lil Nike Ventures Limited. Dan jinghad ukoll a bazi tal-konsiderazzjonijiet diga maghmula qabel minn din il-Qorti fir-rigward tat-tieni, is-sitt, id-disa' u l-ghaxar ilmenti mressqa mill-atturi appellanti.

L-ahhar ilment tal-atturi appellanti huwa li mill-provi prodotti, l-ewwel Qorti setghet tara li hafna minnhom ma jistghux jigu kkontestati u huma sorretti minn dokumenti pubblici.  Kwindi jikkontendu li l-principju *contra scriptum testimonium non fertur* ghandu japplika wkoll ghall-kuntratt pubbliku u ghall-istatut tal-kumpanniji registrati mal-MFSA.

Jigi pprecizat li permezz tal-azzjoni odjerna mhumiex qeghdin jigu attakkati la l-kuntratt ta' bejgh tal-proprjetà tas-Siggiewi u lanqas it-trasferiment ta' sehem fis-socjetà Nike Ventures Limited, u ghalkemm tabilhaqq saret il-prova taghhom, ma jbiddel xejn mill-fehma ta' din il-Qorti li l-kontijiet bankarji ntestati Mr. Edmond Espedito Mugliette & Dr. John Hayman jappartjenu inkwantu ghal nofs lill-atturi Edmond Espedito u Maria Therese konjugi Mugliette u inkwantu ghan-nofs l-iehor lill-konvenuti, bhala eredi ntestati tan-Nutar Dr. John Hayman. Dan inkluz dawk il-fondi provenjenti mill-kuntratt ta' bejgh tal-proprjetà fis-Siggiewi u kwindi wara li l-atturi jottempraw ruhhom pjenament ma' dak deciz minn

din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-27 ta' Gunju, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliette et**, (Cit. Nru. 1059/2003) ghandhom jigu zbankati kif ordnat mill-ewwel Qorti. Wara li ezaminat il-provi in atti u indirizzat l-ilmenti sollevati mill-atturi appellanti li lkoll kienu bazikament jattakkaw l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dak deciz mill-ewwel Qorti u ghalhekk ser tghaddi biex tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi appellanti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata tal-15 ta' Settembru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-shih.

B'dan illi l-ispejjez in prim'istanza jibqghu spartiti kif deciz mill-ewwel Qorti, izda peress li din il-Qorti tqis dan l-appell bhala frivolu u vessatorju, tikkundanna lill-atturi appellanti *in solidum* ihallsu l-ispejjez ta' din l-istanza ghal darbtejn, u dan skont l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb